

POLICY NAZZJONALI DWAR

# Il-Persuni b'Diżabilità u l-Impjieg

Kummissjoni
Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

**KNPD**

**www.knpd.org**

## Policy Nazzjonali dwar

# Il-Persuni b’Diżabilità u l-Impjieg

Kummissjoni
Nazzjonali
Persuni b’Diżabilità

**KNPD**

Editur: Fred Bezzina

Pubblikazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Ċentru Ħidma Soċjali, Istitut Vincenzo Bugeia, Santa Venera
Telefon: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS biss: 7978 8555
Emejl: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

ISBN: 978-99909-71-45-3

© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità - 2010

NGĦOZZU D-DIVERSITÀ
DISKRIMINAZZJONI QATT

Bl-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea

L-informazzjoni li hemm f'din il-pubblikazzjoni mhix neċessarjament tirrifletti l-pożizzjoni jew l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea

# Werrej

Daħla ........ 4

Sommarju Eżekuttiv ........ 6

I. Il-Qagħda Preżenti ........ 10

II. Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità ........ 35

III. Prinċipji Applikati fil-Prattika fuq il-Livell Nazzjonali ........ 38

IV. Rakkomandazzjonijiet ........ 61

Appendiċi: Entitajiet li Kkontribwew għal Proċess ta' Konsultazzjoni ........ 74

# Daħla

Is-soċjetà Maltija temmen bis-sħiħ fir-rispett tad-dinjità ta' kull persuna mingħajr distinzjoni jew diskriminazzjoni, u fl-għoti ta' opportunitajiet indaqs lil kull ċittadin. Dan jista' jintlaħaq biss meta kull ċittadin individwali jkun kompletament inkluż fl-iżvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku tal-pajjiż. Għalhekk biex inkomplu fl-ispirtu tal-mainstreaming, dawn il-prinċipji għandhom jiġu indirizzati direttament lejn il-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet fis-settur tal-impjiegi.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) minn dejjem insistiet li l-persuni b'diżabilità jiffurmaw parti integrali u essenzjali tar-riżorsi umani tal-pajjiż. Għaldaqstant huma mhux biss għandhom id-dritt li jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-pajjiż u jikkontribwixxu għalih daqskemm hu possibbli, imma wkoll il-pajjiż għandu d-dmir li joħloq ambjent li hu miftuħ għall-persuni b'diżabilità u li dan għandu jkun l-anqas restrittiv. B'dan il-mod, id-dritt ta' kull persuna għax-xogħol skont il-kapaċitajiet personali tiegħu jew tagħha, kif rikonoxxut u mħaddan mill-Kostituzzjoni ta' Malta, ikun jista' jiġi mħares.

Il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-settur tal-impjiegi hu essenzjali għall-iżvilupp tal-pajiż u jagħmel sens ekonomiku kif juri l-istudju

ta' Gordon Cordina (li jista' jinkiseb minn www.knpd.org). Barra dan l-aspett purament ekonomiku, dan il-kontribut jemfasizza valuri oħra pożittivi tas-soċjetà Maltija. Għalhekk mhux biżżejjed li nneħħu kull forma ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità, imma jrid ikun hemm ukoll sforzi pro-attivi biex isir dak kollu possibbli biex il-qasam tal-impjiegi joffri inċentivi raġonevoli maħsuba biex jassiguraw l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità.

Din ir-reviżjoni tal-Policy Nazzjonali dwar l-Impjieg u l-Persuni b'Diżabilia' tal-1996 tinkludi l-ġbir ta' data relevanti u konsultazzjoni ġdida ma' dawk kollha involuti. Lista ta' dawk kollha li kkontribwew fil-proċess ta' konsultazzjoni tinsab f'Appendiċi A. Il-policy riveduta tipprovdi deskrizzjoni tal-kuntest Malti li fiha hi trid tiġi implimentata, il-prinċipji li fuqhom din l-implimentazzjoni trid tkun ibbażata u rakkomandazzjonijiet konkreti biex din l-implimentazzjoni tkun tista' ġġib tibdil pożittiv fis-sitwazzjoni tal-impjiegi tal-persuni b'diżabilità f'Malta. Dan kollu jinġabar fis-slogan tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità tas-sena li għaddiet: 'Ix-Xogħol Dritt Għalina Lkoll '

**Joseph M. Camilleri**
*KNPD Chairman*

11 ta' Jannar 2010

# Sommarju Eżekuttiv

Fl-1996 il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD), bi qbil ma' dawk kollha involuti, fasslet Policy Nazzjonali dwar il-Persuni b'Diżabilità u l-Impjiegi. Din il-policy issa ġiet riveduta.

Ħarsa ġenerali tal-qagħda tal-impjieg tal-persuni b'diżabilità turi li hemm provedimenti legali li jassiguraw li persuni b'diżabilità ma jkunux iddiskriminati fis-suq tax-xogħol. Statistika relatata mas-servizzi eżistenti f'dan is-settur f'Malta, miġbura fl-2007, turi li hemm persuni b'diżabilità li fil-preżent jibbenefikaw minn sapport biex isibu u jżommu impjieg. Madankollu, dawn is-servizzi m'humiex biżżejjed u m'hemmx dubju li għad baqa' ħafna x'isir.

Artiklu 27 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tasserixxi d-dritt li persuni b'diżabilità jiġu aċċettati fis-suq tax-xogħol u f'ambjent tax-xoghol li jkun miftuħ, inklussiv u aċċessibbli għalihom.

Fid-dawl ta' dan kollu, hu importanti li jittieħdu dawn il-miżuri:

- Il-Gvern għandu jirratifika l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Protokoll Mhux

Obbligatorju, isaħħaħ il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, jassigura li ħaddiema b'diżabilità jkunu rappreżentati tajjeb f'kull livell tas-servizz ċivili u jinkoraġġixxi s-settur privat biex hu wkoll japplika l-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs.

- Il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu jipprovdi lill-persuni b'diżabilità bi gwida u taħriġ vokazzjonali flimkien ma' assessment komprensiv tal-abilitajiet u l-bżonnijiet tagħhom u jassigura li l-edukazzjoni post-sekondarja u terzjarja toffri sistemi ta' sapport lill-istudenti b'diżabilità.
- Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-ETC (kif xieraq) għandhom jipprovdu assessment komprensiv lill-persuni b'diżabilità li jattendu ċ-ċentri ta' matul il-jum jew li qed ifittxu x-xogħol b'emfasi fuq l-aspett vokazzjonali li jwassal għal gwida u taħriġ vokazzjonali meħtieġ. Dan l-assessment, gwida u taħriġ għandu jsir bl-involviment sħiħ tal-persuni b'diżabilità jew il-ġenituri tagħhom, meta meħtieġ, u jsir minn tim multi-dixxiplinarju. Għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar apparat assistiv u l-modifiċi meħtieġa.
- It-Taqsima tal-Impjieg Issapportjat tal-ETC għandha tissaħħaħ biex ikollha r-riżorsi neċessarji biex tkun tista' tipprovdi l-assessment u t-taħriġ, tidentifika opportunitajiet ta' xogħol, toħloq skemi biex persuni b'diżabilità jsibu u jżommu impjieg kif ukoll javvanzaw fil-karriera li jkunu għażlu.

- L-ETC għandha tipprovdi firxa ta' servizzi biex hi tkun tista' tissapportja persuni b'diżabilità u bi bżonnijiet differenti, isibu impjieg addattat skont l-abilitajiet u l-bżonnijiet personali tagħhom.
- L-ETC għandha tkompli u tiżviluppa aktar skemi li jissapportjaw persuni b'diżabilità jidħlu fis-suq tax-xogħol u tintroduċi skemi li jissapportaw persuni b'diżabilità b'mod kontinwu u raġonevoli biex huma jibqgħu jaħdmu f'ambjent miftuħ.
- L-Għaqdiet ta' Min Iħaddem u t-Trade Unions għandhom jissapportjaw dawn l-inizjattivi.
- Persuni b'diżabilità għandhom jingħataw inċentivi biex huma jkunu jistgħu jibdew u jkomplu jaħdmu għal rashom.
- Il-Gvern għandu joffri inċentivi biex jitwaqqfu kooperattivi kummerċjali bil-maġġoranza tal-ħaddiema jkunu persuni b'diżabilità.
- L-Aġenzija Sapport, bi sħab mal-ETC u s-settur privat, għandha twaqqaf sheltered workshops biex joffru impjieg lill-persuni b'diżabilità li ma jistgħux jaħdmu f'ambjent miftuħ u jkunu mħallsa b'rata raġonevoli għat-tip ta' xogħol li jagħmlu.
- L-Aġenzija Sapport għandha tingħata r-riżorsi neċessarji biex tipprovdi servizzi ta' matul il-jum lill-persuni li ma jistgħux jidħlu fis-suq tax-xogħol. Dawn is-servizzi għandhom jiġu provduti fil-ħinijiet li l-persuna tkun attiva, inkluż fil-għaxijiet u fil-weekends.

- Il-Gvern għandu jassigura li l-Att dwar il-Persuni b'Diżabilità (Impjiegi) jkun infurzat u li l-istrutturi li hemm riferenza għalihom fl-istess Att jitwaqqfu mill-ETC. Il-kwota għandha tibqa' ta' 2% kemm għas-settur privat kif ukoll għal dak pubbliku u min iħaddem għandu, għal raġuni valida, jingħata l-opportunità li jew jimpjega jew iħallas somma ekwivalenti għal 20% tal-paga minima.
- Il-pensjoni tad-diżabilità għandha ssir tal-anqas daqs il-paga minima u kull persuna b'diżabilità, hi x'inhi l-origini tan-nuqqas u li ma tistax taħdem minħabba dan in-nuqqas, tirċievi l-pensjoni tad-diżabilità.
- Il-KNPD għandha tingħata l-inkarigu speċifiku li timmoniterja l-implimentazzjoni ta' din il-policy u għandha tingħata r-riżorsi neċessarji biex tagħmel dan waqt li l-imsieħba soċjali fil-pajjiż għandhom ikunu involuti fl-implimentazzjoni tagħha.
- Lista tal-entitajiet kollha li kkontribwew għal dan il-proċess ta' konsultazzjoni tinsab fl-Appendiċi.

# I. Il-Qagħda preżenti

## 1. INTRODUZZJONI

**1.1** Il-KNPD, biex tkun tista' tfassal din il-policy nazzjonali f'kuntest, ippruvat tieħu stampa wiesgħa tas-sitwazzjoni tax-xogħol għal persuni b'diżabilità kemm mill-aspett legali kif ukoll mill-provedimenti li pajjiżna joffri lill-persuni b'diżabilità f'dan il-qasam. Il-KNPD tħoss li din l-analiżi hi importanti għal diversi raġunijiet fosthom:

(a) toffri stampa ta' fejn qegħdin u x'inhuma l-affarijiet nieqsa,

(b) toffri kejl li fil-futur jista' juri jekk sarx progress jew le.

**1.2** L-eżerċizzju li jirrigwarda l-ġbir ta' statistika sar għas-sena 2007. Dan ma kienx eżerċizzju faċli kemm biex tinġabar l-informazzjoni kif ukoll biex din tiġi ppreżentata f'forma li tkun tista' titqabbel. Dan ħa aktar ħin milli previst u għalhekk l-istatistika hi xi ftit jew wisq "antika". Il-KNPD temmen pero' li din għadha valida ħafna.

**1.3** Il-KNPD ippruvat ukoll li tagħmel analiżi tad-data miġbura skont l-età, in-nuqqas,

is-sess u l-lokalità. Kienet diffiċli ħafna li nagħmlu dan kollu kemm minħabba li mhux l-entitajiet kollha setgħu jagħtuna l-informazzjoni mitluba kif ukoll minħabba li l-preżentazzjoni tad-data kienet se tkun kumplikata ħafna u diffiċli biex tinftiehem. Għalhekk ġie deċiż li nħallu l-analiżi dwar il-lokalità barra. Niskużaw ruħna li tajna xogħol żejjed lil xi wħud u ma użajniex l-informazzjoni kollha.

Il-KNPD hi sodisfatta ħafna bil-koperazzjoni li sabet minn entitajiet kemm governattivi kif ukoll mhux governattivi fil-ġbir ta' dan id-data. Ħajr mill-qalb lil dawk kollha li wieġbu għat-talba tagħna.

**1.4** F'din l-analiżi qed nużaw ċertu taqsir ta' kliem, li jinkludi:

| | |
|---|---|
| Gvn | Gvern |
| Intell | Intellettwali |
| M | Mara |
| Pop Ġen | Popolazzjoni Ġenerali |
| Mult | Aktar minn nuqqas wieħed |
| Ind | Indipendenti |
| Kna | Knisja |
| R | Raġel |
| Psik | Psikoloġika |

## 2. IL-LIĠIJIET TAL-PAJJIŻ

### A. Il-Kostituzzjoni ta' Malta

**2.0** Skont l-ewwel artiklu tal-Kostituzzjoni tagħna: "Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu".

**2.1** Il-Kostituzzjoni tistabbilixxi bħala prinċipju l-obbligu tal-Istat li jirrikonoxxi li kull ċittadin Malti għandu d-dritt għax-xogħol u fl-Artiklu 7 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hemm stabbilit illi "L-Istat jirrikonoxxi d-dritt taċ-ċittadini kollha għal xogħol u għandu jġib 'il quddiem dawk il-kondizzjonijiet li jagħmlu dan id-dritt effettiv."

**2.2** L-istess Kostituzzjoni tkompli tpoġġi obbligu fuq l-Istat Malti, li jipproteġi x-xogħol u li jipprovdi għat-tħarriġ professjonali jew ta' vokazzjoni u miljorament tal-ħaddiema (Artiklu 12). Barra minn dan, hemm stabbilit ukoll illi "persuni b'diżabilità u persuni li ma jkunux kapaċi għal xogħol għandhom dritt għal edukazzjoni u tħarriġ ta' vokazzjoni" (Artiklu 17(3)).

**2.3** Għandu jingħad illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni li ġew imsemmija hawn fuq m'humiex "eżegwibbli' f'xi qorti, iżda l-prinċipji li hemm fihom huma b'dan kollu fondamentali għall-iggvernar tal-pajjiż u jkun l-iskop tal-Istat li japplika dawn il-prinċipji fl-għemil ta' liġijiet". (Artiklu 21).

## B. L-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), Kapitlu 413

**2.4** Din il-liġi ddikjarat illegali diskriminazzjoni kontra persuna minħabba d-diżabilità tagħha f'diversi oqsma, inkluż ix-xogħol. Permezz ta' din il-liġi, persuna b'diżabilità għandha d-dritt li tapplika biex ikollha xogħol, tkun apprentist jew ikollha taħriġ, u li l-applikazzjoni tagħha tiġi kkunsidrata b'mod ġust fuq il-bażi ta' mertu.

**2.5** Min iħaddem irid jipprovdi dawk l-affarijiet u servizzi li persuna b'diżabilità għandha bżonn biex tagħmel dak ix-xogħol, sakemm dawn l-affarijiet u servizzi jkunu raġonevoli. Dan jgħodd ukoll għat-taħriġ.

**2.6** Min iħaddem ma jistax jirrifjuta li jagħti xogħol lill-persuna b'diżabilità jekk:

(a) hu jrid jagħmel tibdil raġonevoli;

(b) il-persuna b'diżabilità ma tistax tagħmel partijiet li m'humiex essenzjali għal dak ix-xogħol.

## C. L-Att dwar l-Impjieg tal-Persuni b'Diżabilità, Kapitlu 210

**2.7** Din il-liġi stabbiliet:

(a) it-twaqqif tar-Reġistru ta' Persuni b'Diżabilità, li għandu jinżamm u jiġi amministrat mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (art. 5);

(b) li azjendi u istituzzjonijiet li jimpjegaw mhux anqas minn għoxrin (20)

ħaddiem għandhom ukoll jimpjegaw kwota (fil-preżent 2%) ta' persuni b'diżabilità magħżula minn dan ir-Reġistru (art. 15(8)). Din il-perċentwali tiġi stabbilita mill-Ministru responsabbli minn dan il-qasam wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni (art. 16(2)).

(c) id-dritt tal-Ministru li jispeċifika klassijiet speċjali ta' impjieg bħala impjieg riżervat (art. 19) għal persuni b'diżabilità.

(d) li ksur ta' xi dispożizzjoni tal-liġi jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tagħha, ikun reat punibbli b'multa ta' mhux iżjed minn Eur232.94 jew priġunerija għal mhux aktar minn tliet xhur, jew it-tnejn flimkien (art. 29).

## D. L-Att Dwar is-Sigurtà Soċjali, Kapitlu 318

**2.8** Dan l-att jipprovdi li persuni b'diżabilità huma intitolati għal pensjoni mhux kontributorja jekk huma ma jistgħux jaħdmu minħabba d-diżabilità tagħhom.

**2.9** Persuni li jirċievu din il-pensjoni mhux kontributorja jkunu jistgħu jkomplu jirċievu dik il-pensjoni, anke jekk ikollhom dħul ieħor per eżempju minn xogħol part-time, basta d-dħul totali tagħhom ma jkunx jaqbeż il-paga minima nazzjonali. Jekk dan id-dħul ikun iżjed mill-paga minima nazzjonali, allura l-pensjoni tonqos pro rata.

## 3. PROVEDIMENTI EŻISTENTI

### A. Persuni b'Diżabilità u l-Edukazzjoni

Il-KNPD ġabret informazzjoni l-aktar wiesgħa possibbli tal-istudenti b'diżabilità li qed jieħdu l-edukazzjoni wara li għalqu l-14-il sena.

**3.1** Tabella 1 tipprovdi d-data dwar l-istudenti b'diżabilità li qed jattendu l-aħħar snin tal-iskola sekondarja flimkien ma' perċentwal ta' dawn iċ-ċifri meta mqabbla mal-popolazzjoni kollha. Din it-tabella turi li ftit anqas minn 3% tal-popolazzjoni tal-istudenti li jattendu l-aħħar sentejn tal-iskejjel tagħna huma kkunsidrati li għandhom xi forma ta' diżabilità. Jidher ukoll li fil-Form IV kien hemm numru sostanzjali aktar (132 student b'diżabilità) milli kien hemm fil-Form V (98 student). Jidher ukoll li kważi nofs dawn l-istudenti (46%) għandhom nuqqas intellettwali. Nuqqas psikoloġiku hu wkoll komuni u jikkostitwixxi 18% ta' dawn l-istudenti waqt li 16% għandhom nuqqasijiet mhux speċifikati li ħafna drabi jinkludu nuqqasijiet bħal dyslexia u ADHD. Huwa sinifikanti n-numru ta' studenti li għandhom aktar minn nuqqas wieħed (7%) li huwa sostanzjalment ogħla minn dawk li għandhom nuqqas ta' smigħ jew nuqqas ta' vista, li t-tnejn jammontaw għal 2%.

*Tabella 1: Studenti b'Diżabilità (minn 14-il sena 'l fuq) li qed jieħdu Edukazzjoni Sekondarja*

| **Tip ta' Skola** | **Pop Ġen** | | **Nuqqas ta' Smigħ** | | **Nuqqas ta' Vista** | | **Nuqqas Intell** | | **Nuqqas Psik** | | **Nuqqas Fiżiku** | | **Aktar minn Nuqqas Wieħed** | | **Oħrajn** | | **Total** | **% vs Pop Ġen** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | | |
| Form IV (Gvn) | 1,589 | 1,730 | 0 | 2 | 0 | 1 | 20 | 13 | 17 | 4 | 8 | 5 | 3 | 1 | 6 | 2 | 82 | 2.4 |
| Form V (Gvn) | 1,723 | 1,759 | 1 | 0 | 2 | 0 | 24 | 4 | 5 | 4 | 3 | 1 | 1 | 0 | 3 | 1 | 49 | 1.4 |
| Form IV (Kna)* | | 449 | | 0 | | 2 | | 21 | | 4 | | 2 | | 6 | | 11 | 46 | 10.2 |
| Form V (Kna) | | 448 | | 2 | | 0 | | 17 | | 2 | | 3 | | 4 | | 14 | 42 | 9.3 |
| FormIV (Ind)** | | 67 | | 0 | | 0 | | 1 | | 3 | | 0 | | 0 | | 0 | 4 | 5.9 |
| FormV (Ind) | | 75 | | 0 | | 0 | | 5 | | 2 | | 0 | | 0 | | 0 | 7 | 9.3 |
| Total | | 7,840 | | 5 | | 5 | | 105 | | 41 | | 22 | | 15 | | 37 | 230 | 2.9 |

** L-iskejjel li wieġbu kienu St Dorothy (Żebbug), St Joseph (Blata l-Bajda), St Joseph's School (Sliema), Is-Seminarju (Tal-Virtu'), Stella Maris College (Gżira) u St Aloysius College (B'kara).*

*** L-iskola li wieġbet kienet St Michael Foundation.*

*Tabella 2: Studenti b'Diżabilità (minn 14-il sena 'l fuq) li qed jattendu Skola Speċjali*

| Tip ta' Skola | Nuqqas ta' Smigħ | | Nuqqas ta' Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas Wieħed | | Oħrajn | | Totali | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| 14-16 sena | - | - | - | - | 15 | 14 | - | - | - | - | 4 | 3 | - | - | 19 | 17 | 36 |
| 17-18 | - | - | - | - | 15 | 6 | - | - | - | - | 6 | 1 | - | - | 21 | 7 | 28 |
| 19-20 | - | - | - | - | 13 | 11 | - | - | - | - | 3 | 4 | - | - | 16 | 15 | 31 |
| 21-22 | - | - | - | - | 19 | 4 | - | - | - | - | 5 | 5 | - | - | 24 | 9 | 33 |
| Total | - | - | - | - | 62 | 35 | | | | | 18 | 13 | | | 80 | 48 | 128 |

**3.2** Tabella 2 tagħti informazzjoni dwar l-istudenti li jattendu l-iskejjel speċjali u li għandhom aktar minn 14-il sena.

Dawn iċ-ċifri juru li hemm 128 student li kollha għandhom nuqqas intellettwali jew aktar minn nuqqas wieħed li spiss jinkludu nuqqas intellettwali. Id-differenza bejn studenti rġiel u nisa hi waħda sinifikanti għax tammonta għal 67%. Meta tanalizza l-etajiet issib li dawn huma mqassma bejn wieħed u ieħor l-istess bi 28% bejn l-età ta' 14 u 16-il sena, 22% bejn l-età ta'

17 u 18-il sena, 24% bejn l-età ta' 19 u 20 sena waqt li 26% għandhom età ta' bejn il-21u t-22 sena.

**3.3** Tabella 3 tagħti indikazzjoni tan-numri ta' studenti li qed jieħdu edukazzjoni post-sekondarja u kif din tikkompara mal-popolazzjoni ġenerali.

*Tabella 3: Persuni b'Diżabilità li qed jieħdu edukazzjoni Post-Sekondarja*

** Ma nżammitx statistika.*

| Tip ta' Skola | Pop Ġen | | Nuqqas ta' Smigħ | | Nuqqas ta' Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas Wieħed | | Oħrajn | | Total | % vs Pop Ġen |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | | |
| Skola Sek Għolja | 898 | 1,250 | 0 | 0 | 0 | 1 | 4 | 2 | 0 | 0 | 3 | 2 | 0 | 0 | 4 | 2 | 18 | 0.8 |
| ITS | 378 | 245 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 14 | 10 | 24 | 3.9 |
| Junior College | 1,260 | 1,816 | | | | | | | | | | | | | | 2 | 2 | 0.1 |
| Form VI (San Alwiġi) | | 455 | | | | | | | | | | 2 | | 5 | | | 7 | 1.5 |
| MCAST* | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Università | 3,343 | 4,782 | 4 | 4 | 3 | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 9 | 0 | 0 | 21 | 29 | 76 | 0.9 |
| Total | | 14,427 | | 8 | | 8 | | 6 | | 0 | | 18 | | 5 | | 82 | 127 | 0.9 |

*Tabella 4: Taħriġ Vokazzjonali kkummissjonat mill-ETC mal-Fondazzjoni Eden*

| | Nuqqas ta' Smigħ | | Nuqqas ta' Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas wieħed | | Total | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | | | | | 3 | 4 | | | | | 1 | - | 4 | 4 | 8 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | | | | | 2 | 3 | | | | | - | - | 2 | 3 | 5 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | | | | 1 | 1 | | | | 1 | | | 1 | 2 | 3 |
| 60+ | | | | | | | | | | | | | | | 0 |
| Total | | | | | 6 | 8 | | | | 1 | 1 | - | 7 | 9 | 16 |

Meta nħallu barra l-iMCAST li matul l-2007 ma kellhiex din it-tip ta' statistika, insibu li ftit anqas minn 1% tal-istudenti li jattendu dawn l-istituzzjonijiet edukattivi huma rappurtati li għandhom diżabilità. Il-maġġoranza assoluta, jiġifieri 65% għandhom nuqqas mhux speċifikat li ħafna drabi jkun jinkludi Dyslexia u ADHD. 14% ta' dawn l-istudenti għandhom nuqqas intellettwali waqt li l-istudenti li għandhom nuqqas ta' smigħ jew ta' vista huma ndaqs u jikkostitwixxu madwar 6% kull wieħed. Il-perċentwali għall-istudenti b'nuqqas intellettwali hu ftit anqas, 5% waqt li 4% għandhom aktar minn nuqqas wieħed.

*Tabella 5: Taħriġ Vokazzjonali kkummissjonat mill-ETC mal-Fondazzjoni Richmond*

| | Nuqqas ta' Smigħ | | Nuqqas ta' Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas wieħed | | Total | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | | | | | | | 1 | | | | | | 1 | - | 1 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | | | | | | | 6 | 3 | 1 | | 1 | 1 | 8 | 4 | 12 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | | | | | | 4 | 1 | 1 | | | | 5 | 1 | 6 |
| 60+ | | | | | | | | | | | | | | | 0 |
| Total | | | | | | | 11 | 4 | 2 | | 1 | 1 | 14 | 5 | 19 |

## B. Persuni b'Diżabilità u t-Taħriġ Vokazzjonali

**3.4** Il-KNPD ippruvat tiġbor informazzjoni dwar taħriġ vokazzjonali li jingħata speċifikament lill-persuni b'diżabilità. Naturalment numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità ħadu taħriġ vokazzjonali mal-bqija tal-popolazzjoni u li ma tinżammx statistika dwaru. Teżisti biss statistika dwar taħriġ li jagħtu l-Fondazzjoni Eden u Richmond li parti sostanzjali minn dan it-taħriġ hu ffinanzjat mill-ETC. Il-FITA wkoll toffri taħriġ vokazzjonali relatat mal-informatika.

*Tabella 6: Taħriġ Vokazzjonali mill-Fondazzjoni Eden*

| | **Nuqas ta' Smigħ** | | **Nuqqas ta' Vista** | | **Nuqqas Intell** | | **Nuqqas Psik** | | **Nuqqas Fiżiku** | | **Aktar minn Nuqqas wieħed** | | **Total** | | **Grand Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | | | | | | | | | | | | | | | |
| Bejn il-21 u l-40 sena | | | | | 12 | 6 | | | | | | | 12 | 6 | 18 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | | | | | 2 | | | | | | | | 2 | 2 |
| 60+ | | | | | | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | 12 | 8 | | | | | | | 12 | 8 | 20 |

*Tabella 7: Taħriġ Vokazzjonali mill-Fondazzjoni FITA*

** Ma hemmx analiżi skont l-età*

| **FITA*** | **Nuqqas ta' Smigħ** | | **Nuqqas ta' Vista** | | **Nuqqas Intell** | | **Nuqqas Psik** | | **Nuqqas Fiżiku** | | **Aktar minn Nuqqas wieħed** | | **Total** | | **Grand Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Għamlu l-kors | | | 7 | 4 | 13 | 21 | 1 | 3 | | | 2 | 4 | 23 | 32 | 55 |

Minn Tabelli 4, 5, 6 u 7 jidher li 110 persuna b'diżabilità ħadu xi tip minn dan it-taħriġ. Eżatt nofshom  għamlu taħriġ relatat mat-teknoloġija tal-informatika. Kważi nofshom (54) għandhom nuqqas intellettwali waqt li kważi kwart ieħor (23) għandhom aktar minn nuqqas wieħed. 19-il persuna b'nuqqas psikoloġiku ħadu t-taħriġ vokazzjonali waqt li 11-il persuna b'nuqqas ta' vista ġew imħarrġa vokazzjonalment. Tliet persuni biss b'nuqqas fiżiku ħadu taħriġ vokazzjonali speċifikament għalihom waqt li għall-persuni b'nuqqas ta' smigħ ma ġiet irreġistrata l-ebda persuna.

In-numru ta' persuni li ħadu dan it-taħriġ hu mqassam kważi nofs bin-nofs bejn irġiel (56) u nisa (54).

## Ċ. Persuni b'Diżabilità u s-sapport biex sabu l-impjieg

**3.5** Numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità għandhom bżonn sapport biex isibu impjieg. L-ETC għandha żewġ skemi: Bridging the Gap u l-iSkema Work Start, biex tgħin sabiex persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Tabella 8 turi l-ħidma li saret f'dan il-qasam. Jidher ċar li l-iSkema Work Start, tal-anqas matul l-2007 ma kellhiex riżultati sinifikanti għax irnexxielha tissapportja persuna waħda biss. L-iSkema Bridging the Gap issapportjat 16-il persuna. Aktar minn nofshom (9) kellhom nuqqas psikoloġiku waqt li 6 kellhom aktar minn nuqqas wieħed. Il-persuna l-oħra li bbenefikat minn din l-iSkema

*Tabella 8: Skemi tal-ETC*

| Bridging the Gap/ Work Start | Nuqqas ta’ Smigħ | | Nuqqas ta’ Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas Wieħed | | Oħrajn | | Total | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Anqas minn 20 sena | | | | | 1 | | | | - | 1 | - | - | - | | 1 | 1 | 2 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | | | | | 1 | 3 | 4 | 3 | | | - | 1 | - | 1 | 5 | 8 | 13 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | | | | | | 2 | - | - | - | - | - | - | - | 2 | - | 2 |
| 60+ | | | | | | | | | | | | | | | | | - |
| Total | | | | | 2 | 3 | 6 | 3 | - | 1 | - | 1 | - | - | 8 | 8 | 17 |

kellha nuqqas fiżiku waqt li l-persuna li bbenefikat mill-iSkema Work Start kellha nuqqas mhux identifikat.

In-numru ta’ persuni li ħadu dan is-sapport minn dawn iż-żewġ skemi hu mqassam kważi nofs bin-nofs bejn irġiel (8) u nisa (9).

## D. Persuni b’Diżabilità u s-Sapport biex iżommu l-Impjieg

**3.6** Numru ta’ persuni b’diżabilità għandhom bżonn sapport biex huma jistgħu jkomplu jibqgħu jaħdmu. Dan jista’ jkun taħt diversi forom per eżempju

*Tabella 9: Skema tal-ETC*

| Supported Employment | Nuqqas ta’ Smigħ | | Nuqqas ta’ Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas Wieħed | | Oħrajn | | Total | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | | | | | 1 | 2 | | | | | - | - | - | 1 | 1 | 3 | 4 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | 1 | | 2 | | 7 | 4 | 1 | - | 8 | 1 | - | 1 | 1 | - | 19 | 6 | 25 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | | | | | | | | 1 | | | | | | 1 | | 1 |
| 60+ | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Total | 1 | - | 2 | - | 8 | 6 | 1 | | 9 | 1 | - | 1 | 1 | 1 | 21 | 9 | 30 |

assistenza personali, job-coaching, follow-up minn professjonisti, trasport individwalizzat, eċċ. Matul l-2007 kien hemm 93 persuna li ngħataw xi forma ta’ dan is-sapport: terz eżatt (31) mill-iskema Supported Employment (Tabella 9) tal-ETC li toffri sapport ta’ job-coaching, assistenza personali u assistenza oħra skont il-ħtieġa; ftit aktar minn nofs (53) ħadu sapport minn żewġ skemi tal-Fondazzjoni Eden (Tabella 10), waħda msejħa Assisted Employment li primarjament tagħti sapport ta’ job-coach waqt li l-oħra hi msejħa Follow-Up

Support u permezz tagħha l-persuna b'diżabilità tingħata sapport meta u jekk tinqala l-ħtieġa; u l-bqija (19) ingħataw sapport permezz ta' trasport individwalizzat mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care (Tabella 11).

Kważi nofs il-persuni li ħadu dan is-sapport (45) għandhom nuqqas intellettwali u 15 oħra għandhom aktar minn nuqqas wieħed.Għoxrin persuna b'nuqqas fiżiku u 9 persuni b'nuqqas ta' vista ħadu sapport fl-impjieg tagħhom.

*Tabella 10: Sapport waqt l-Impjieg mill-Fondazzjoni Eden*

| Assisted Employment/ Follow-Up Support | Nuqqas ta' Smigħ | | Nuqqas ta' Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas wieħed | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | | | | | | | | | | | | | |
| Bejn il-21 u l-40 sena | | | | | 22 | 16 | | | | | | | 38 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | | | | 2 | 3 | | | | | | | 5 |
| 60+ | | | | | | | | | | | | | |
| Total | | | | | 24 | 19 | | | | | | | 43 |

*Tabella 11: Trasport Indiviwalizzat mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care*

| | Nuqqas ta' Smigħ | | Nuqqas ta' Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas wieħed | | Total | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | | | | | | | | | 1 | | | | 1 | | 1 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | | | 2 | 1 | | 1 | | | 3 | 5 | | | 5 | 7 | 12 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | | 3 | 1 | 1 | | | | 1 | | | | 5 | 1 | 6 |
| 60+ | | | | | | | | | | | | | | | |
| Total | | | 5 | 2 | 1 | 1 | | | 5 | 5 | | | 11 | 8 | 19 |

Hemm aktar persuni b'diżabilità rġiel (56) li qed jieħdu xi forma ta' sapport waqt l-impjieg meta kkomparat ma' numru ta' nisa b'diżabilità (36). Il-maġġoranza assoluta tal-persuni li qed jieħdu dan is-sapport (75) għandhom bejn l-21 u l-40 sena.

## E. Persuni b'Diżabilità u s-Servizz Pubbliku

**3.7** Il-KNPD ġabret informazzjoni dwar kemm hemm persuni reġistrati b'diżabilità mal-ETC li jinsabu fl-impjieg mas-Servizz Pubbliku. L-Uffiċċju tal-Prim Ministru għaddielna l-informazzjoni li tidher f'Tabella 12. Sal-aħħar tal-2007

*Tabella 12: Persuni b'Diżabilità li jaħdmu fis-Servizz Pubbliku*

| | **Nuqqas ta' Smigħ** | | **Nuqqas ta' Vista** | | **Nuqqas Intell** | | **Nuqqas Psik** | | **Nuqqas Fiżiku** | | **Aktar minn Nuqqas wieħed** | | **Total** | | **Grand Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | M | R | M | R | M | R | |
| Inqas minn 20 sena | 0 | 2 | 0 | 0 | 4 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 1 | 6 | 6 | 12 |
| Bejn l-20 u d-39 sena | 4 | 1 | 1 | 2 | 12 | 13 | 11 | 9 | 28 | 26 | 8 | 1 | 64 | 51 | 115 |
| Bejn l-40 u d-59 sena | 7 | 4 | 10 | 2 | 24 | 10 | 18 | 3 | 92 | 24 | 10 | 4 | 151 | 47 | 198 |
| 60+ | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 1 | 5 | 0 | 8 | 2 | 1 | 1 | 18 | 4 | 22 |
| Total | 11 | 7 | 12 | 4 | 43 | 26 | 34 | 12 | 119 | 52 | 20 | 7 | 239 | 108 | 347 |

kien hemm 347 persuna reġistrata b'diżabilità mal-ETC li taħdem fis-settur pubbliku minn total ta' madwar 38,558 persuna. Dan jammonta għal madwar 1.2% biss ta' dawk li jaħdmu fis-settur pubbliku u jfisser li dan is-settur probabbilment ma għandux 2% tal-ħaddiema tiegħu li huma reġistrati bħala persuni b'diżabilità mal-ETC kif titlob il-Liġi dwar l-Impjieg tal-Persuni b'Diżabilità tal-1969.

Kważi nofs dawn il-persuni (171) għandhom nuqqas fiżiku, 20% (69) għandhom nuqqas intellettwali, 13% (46) nuqqas

psikoloġiku, 8% (46) aktar minn nuqqas wieħed, 5% (18) għandhom nuqqas ta' smigħ u 5% (16) għandhom nuqqas ta' vista.

Hemm ħafna aktar irġiel b'diżabilità (239) li jaħdmu fis-settur pubbliku milli nisa (108). Pero' dan hu rifless ukoll fil-ħaddiema kollha li jaħdmu f'dan is-settur.

Aktar minn nofs dawn il-ħaddiema (198) għandhom età ta' bejn l-40 u d-59 sena, waqt li madwar terz (115) għandhom l-età bejn l-20 u d-39 sena. Tnax-il persuna b'diżabilità jaħdmu fis-settur pubbliku u għandhom anqas minn 20 sena waqt li 14-il persuna b'diżabilità jaħdmu f'dan is-settur u għandhom aktar minn 60 sena. Dawn il-figuri jindikaw li l-persuni b'diżabilità li jaħdmu fis-settur pubbliku pjuttost qed jixjieħu u jekk din ix-xejra tkompli kif inhi, il-persentaġġ ta' persuni reġistrati b'diżabilità mal-ETC u li jaħdmu fis-settur pubbliku se tonqos.

## F. Persuni b'Diżabilità u s-Servizz ta' Matul il-Jum

**3.8** M'hemmx dubju li jeżisti numru pjuttost żgħir ta' persuni b'diżabilità li diffiċli ħafna għalihom li jidħlu fid-dinja tax-xogħol anke bis-sapport meħtieġ jew li jaħdmu f'xogħol protett. Għalhekk għal dawn il-persuni hu importanti li jkun hemm servizzi ta' matul il-jum individwalizzati u fil-komunità. Il-KNPD temmen li dan għandu jkun ristrett biss għal dawk il-persuni li verament ma jistgħux jidħlu fid-dinja tax-xogħol bis-sapport meħtieġ jew f'xogħol protett. Is-sitwazzjoni kif kienet fl-aħħar tal-2007 rigward is-servizzi ta' matul il-jum hija riflessa f'Tabella 13.

*Tabella 13: Persuni li Qed Jieħdu Servizz ta' Matul il-Jum*

| **AĠENZIJA SAPPORT / MINISTERU GĦAL GĦAWDEX** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Nuqqas ta' Smigħ** | | **Nuqqas ta' Vista** | | **Nuqqas Intell** | | **Nuqqas Psik** | | **Nuqqas Fiżiku** | | **Aktar minn nuqqas wieħed** | | **Oħrajn** | | **Total** | | **Grand Total** |
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | | | | | 2 | 4 | 1 | 5 | | | 5 | | | | 8 | 9 | 17 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | | | 1 | | 90 | 60 | 1 | 2 | 1 | 2 | 43 | 31 | | | 136 | 95 | 231 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | | 4 | 5 | 59 | 54 | 4 | 2 | 2 | | 17 | 20 | | | 86 | 81 | 167 |
| 60+ | | | 14 | 5 | 14 | 10 | | | | | 3 | 2 | | | 31 | 17 | 48 |
| Total | | | 19 | 10 | 165 | 128 | 6 | 9 | 3 | 2 | 68 | 53 | | | 261 | 202 | 463 |
| **FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' RESPITE CARE** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Inqas minn 20 sena | | | | 1 | | | | 6 | | | | | 2 | 1 | 2 | 8 | 10 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | | | | 1 | 2 | 3 | 2 | | 1 | | | | | | 5 | 4 | 9 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | | 1 | | 1 | | 2 | 1 | | | | | | | | 1 | 4 | 5 |
| 60+ | | | | | | 1 | 2 | | | | | | | | 2 | 1 | 3 |
| Total | | 1 | | 3 | 2 | 6 | 5 | 6 | 1 | | | | 2 | 1 | 10 | 17 | 27 |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Total taċ-Ċentri Kollha | 0 | 1 | 19 | 13 | 167 | 134 | 11 | 15 | 4 | 2 | 68 | 53 | 2 | 1 | 271 | 219 | 490 |

Dan is-servizz jingħata primarjament mill-Ministeru għall-Politika Soċjali permezz tal-Aġenzija Sapport lil 463 persuna (fil-każ ta' Għawdex dan is-servizz jingħata mill-Ministeru għal Għawdex). Il-Fondazzjoni għas-Servizz ta' Respite Care tipprovdi dan is-servizz lil numru żgħir ta' persuni b'diżabilità, 27 b'kollox. Hekk in-numru totali ta' persuni b'diżabilità li jirċievu dan is-servizz jammonta għal 490.

Il-maġġoranza assoluta (86%) ta' dawn il-persuni għandhom nuqqas intellettwali (301) jew aktar minn nuqqas wieħed (121). Dan ifisser li dan is-servizz hu primarjament maħsub għal din il-kategorija ta' persuni. Numru żgħir ta' persuni b'nuqqas psikoloġiku (26 persuna) jagħmlu wkoll użu minn dawn is-servizzi. Persuni b'nuqqas ta' vista (32) jagħmlu użu minn dawn is-servizzi minn ċentru speċifiku f'Santa Venera.

Kważi nofs dawn il-persuni (240) għandhom età ta' bejn il-21 u l-40 sena waqt li terz (172) għandhom età  ta' bejn il-41 u s-60 sena. Wieħed u ħamsin persuna li jieħdu dan is-servizz għandhom aktar minn 60 sena waqt li 27 persuna biss għandhom anqas minn 20 sena. Ta' min jinnota li hi l-policy ta' dawn is-servizzi li dawn il-persuni jibdew jieħdu dan is-servizz minn 20 sena 'l fuq. Punt ieħor li ta' min josserva hu li kważi terz tal-persuni li għandhom aktar minn 60 sena huma persuni li għandhom nuqqas ta' vista.

Hemm aktar irġiel (271) li jieħdu dan is-servizz minn nisa (219).

*Tabella 14: Persuni b'Diżabilità jirreġistraw għax-Xogħol mal-ETC*

| | Nuqqas ta' Smigħ | | Nuqqas ta' Vista | | Nuqqas Intell | | Nuqqas Psik | | Nuqqas Fiżiku | | Aktar minn Nuqqas wieħed | | Oħrajn | | Total | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | | | | | 12 | 9 | 2 | | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | - | 18 | 12 | 30 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | 4 | 1 | 6 | 1 | 20 | 12 | 20 | 12 | 42 | 4 | 19 | 6 | 3 | 4 | 114 | 41 | 155 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | 5 | | 7 | 1 | 5 | 3 | 10 | 4 | 51 | 8 | 25 | - | 4 | | 107 | 16 | 123 |
| 60+ | | | | | - | - | 1 | | 2 | | | | | | 3 | | 3 |
| Total | 9 | 1 | 13 | 3 | 37 | 24 | 33 | 16 | 97 | 14 | 45 | 7 | 8 | 4 | 242 | 69 | 311 |

## G. Persuni b'Diżabilità Jirreġistraw għax-Xogħol mal-ETC

**3.9** Skont il-Liġi tal-Impjieg (Persuni b'Diżabilità), l-ETC iżżomm reġistru ta' persuni b'diżabilità li minnhom hemm numru li qed ifittxu x-xogħol. Fl-aħħar tas-sena 2007, 311-il persuna b'diżabilità rreġistrati mal-ETC kienu qed ifittxu xogħol kif jidher f'Tabella 14.

Ftit aktar minn terz ta' dawn il-persuni (111) għandhom nuqqas fiżiku. Il-persentaġġi għal persuni li għandhom nuqqas intellettwali

(20%), aktar minn nuqqas wieħed (17%) u nuqqas psikoloġiku (16%) huma xi ftit jew wisq fl-istess livell. L-istess jista' jingħad għal persuni li qed jirreġistraw u li għandhon nuqqas ta' vista (6%), in-nuqqas tagħhom mhux speċifikat (4%) jew li għandhom nuqqas ta' smigħ (3%).

### H. Persuni b'Diżabilità u l-Pensjoni

**3.10** Persuni b'diżabilità li ma jistgħux jaħdmu u li qatt ma ħallsu kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali (il-bolla) huma intitolati għal pensjoni (mhux kontributorja). Din tammonta għal 55% tal-paga minima nazzjonali. Din il-pensjoni tingħata lil:

a) min għandu nuqqas sever intellettwali u li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jirreferi għaliha bħala pensjoni HP,

b) min għandu nuqqas sever fiżiku jew li għandu nuqqas ta' smigħ totali u li d-Dipartiment jirreferi għaliha bħala pensjoni SHP; u

c) min għandu nuqqas ta' vista li d-Dipartiment jirreferi għaliha bħala Blind Pension.

Tabella 15 turi n-numri ta' persuni b'diżabilità li jirċievu xi waħda minn dawn il-pensjonijiet.  2,349 persuna b'diżabilità jirċievu xi waħda minn dawn il-pensjonijiet, li minnhom 1,865 (79% tat-total) jirċievu l-pensjoni HP intiża primarjament għall-persuni b'nuqqas intellettwali, waqt li 331 (14%) jirċievu l-SHP li hi intiża għall-persuni b'nuqqas sever fiżiku jew nuqqas ta' smigħ totali u l-bqija, u 153

*Tabella 15: Persuni li jirċievu Pensjoni dwar id-Diżabilità mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali*

| | **HP*** | | **SHP**** | | **Blind Pension** | | **Total** | | **Grand Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | R | M | R | M | R | M | R | M | |
| Inqas minn 20 sena | 77 | 41 | 15 | 18 | 7 | 4 | 99 | 63 | 162 |
| Bejn il-21 u l-40 sena | 526 | 348 | 100 | 75 | 39 | 23 | 665 | 446 | 1111 |
| Bejn il-41 u s-60 sena | 377 | 328 | 53 | 52 | 30 | 28 | 460 | 408 | 868 |
| 60+ | 69 | 99 | 5 | 13 | 9 | 13 | 83 | 125 | 208 |
| | | | | | | | | | |
| Total | 1049 | 816 | 173 | 158 | 85 | 68 | 1307 | 1042 | 2349 |

** HP hi pensjoni li tingħata lil persuna li għandha "sub-normalità mentali severa"*

(7%) għandhom nuqqas ta' vista.

Il-maġġoranza (1,111 jew 47%) għandhom età ta' bejn il-21 sena u l-40 sena, 868 jew 40% għandhom età ta' bejn il-41 u s-60 sena, waqt li 208 (9%) biss għandhom aktar minn 61 sena. Il-162 (7%) l-oħra għandhom bejn is-16 u l-20 sena b'eċċezzjonijiet żgħar fil-każ ta' persuni neqsin mid-dawl fejn hemm xi wħud li għandhom età ta' bejn l-14 u s-16-il sena.

Hemm 265 (11%) aktar irġiel li jirċievu xi

waħda minn dawn il-pensjonijiet milli nisa.

Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità ġiet approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Diċembru 2006 u daħlet fis-seħħ f'Mejju 2007 meta 20 pajjiż irratifikawha.

# II. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

Malta għadha ma rratifikatx din il-Konvenzjoni imma ffirmatha biss f'Marzu 2006 u esprimiet ix-xewqa li tirratifikaha, flimkien mal-Protokoll Mhux Obbligatorju li hemm magħha fl-iqsar żmien possibbli.

Artiklu 27 ta' din il-Konvenzjoni jittratta x-xogħol u l-impjieg u jgħid hekk:

1. L-Istati Msieħba jagħrfu d-dritt tal-persuni b'diżabilità għax-xogħol, fuq bażi ugwali mal-oħrajn. Dan jinkludi d-dritt għall-opportunità li taqla' l-għajxien permezz ta' xogħol magħżul jew aċċettat b'mod ħieles fis-suq tax-xogħol u ambjenti tax-xogħol li hu miftuħ, inklussiv u aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. L-Istati Msieħba għandhom jissalvagwardjaw u jippromwovu t-twettiq tad-dritt għax-xogħol inkluż dawk li jkollhom diżabilità waqt il-kors tal-impjieg tagħhom, billi jittieħdu miżuri xierqa, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni, biex, inter alia:

(a) Jipprojbixxu diskriminazzjoni minħabba diżabilità fir-rigward ta' kull ħaġa li tikkonċerna kull forma ta' impjieg, inkluż il-kundizzjonijiet għal reklutaġġ, l-għoti tal-impjieg, it-tkomplija tal-impjieg, l-avvanz fil-karriera u l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà;

(b) Jipproteġu d-dritt ta' persuni b'diżabilità, fuq bażi ugwali mal-oħrajn, għal kundizzjonijiet ġusti u favorevoli ta' xogħol, inkluż opportunitajiet indaqs u ħlas indaqs għal xogħol tal-istess valur, kundizzjonijiet ta' xogħol siguri u b'saħħithom, inkluż il-protezzjoni minn fastidju, u rimedju għall-ilmenti;

(ċ) Jassiguraw li persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet relatati mad-dinja tax-xogħol u tat-trade unions fuq bażi ugwali mal-oħrajn;

(d) Jissapportjaw persuni b'diżabilità li jkollhom aċċess effettiv għal programmi ġenerali ta' gwida teknika u vokazzjonali, servizz ta' pjazzament u taħriġ vokazzjonali u kontinwu;

(e) Jippromwovu opportunitajiet ta' xogħol u avvanz fil-karriera lill-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, kif ukoll assistenza biex ifittxu, jottjenu u jżommu impjieg;

(f) Jippromwovu opportunitajiet għal impjieg, għal rashom, għall-intraprenditorija, għall-iżvilupp tal-koperattivi u l-bidu ta' negozju tagħhom stess;

(ġ) Jimpjegaw persuni b'diżabilità fis-settur pubbliku;

(g) Jippromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabilità fis-settur privat permezz ta' policies u miżuri xierqa li jistgħu jinkludu programmi ta' miżuri affermattivi, inċentivi u miżuri oħra;

(għ) Jassiguraw li l-modifiki raġonevoli jkunu pprovduti lill-persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol;

(h) Jippromwovu l-akkwist minn persuni b'diżabilità ta' esperjenza fis-suq miftuħ tax-xogħol;

(ħ) Jippromwovu r-rijabilitazzjoni vokazzjonali u professjonali, programmi li jgħinu biex iżżomm l-impjieg u li terġa' lura għax-xogħol, għall-persuni b'diżabilità.

2. L-Istati Msieħba għandhom jassiguraw li persuni b'diżabilità ma jinżammux fi skjavitu' jew servitu', u jkunu protetti, fuq bażi ugwali mal-oħrajn, minn xogħol sfurzat jew obbligatorju.

# III. Il-Prinċipji Applikati fil-Prattika fil-Livell Nazzjonali

## 1. ELIMINAZZJONI TAD-DISKRIMINAZZJONI

Kull forma ta' diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità minħabba d-diżabilità tagħhom fuq il-post tax-xoghol għandha tiġi eliminata. Dan jinkludi r-reklutaġġ, li l-persuni b'diżabilità jżommu l-impjieg tagħhom, il-provediment ta' assessjar, taħriġ u ingaġġ, kif ukoll opportunitajiet għall-promozzjonijiet. Il-qafas legali ta' Malta jinkludi dan il-prinċipju. Fuq il-livell nazzjonali, hemm l-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kapitlu 413) u l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitlu 452). Fuq il-livell Ewropew, hemm id-Direttiva tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament indaqs fl-impjieg (Direttiva tal-Kunsill 2000/78/EC). Hu importanti li dawn il-liġijiet jissaħħu billi:

(a) malajr kemm jista' jkun tigi rratifikata l-Konvenjoni tan-Nazzonijiet Unit dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżablità;

(b) tissaħħaħ il-Liġi Opportunitajiet Indaqs biex din tkun konformi kompletament mad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew (2000/78/EC).

**1.1** Persuni b'diżabilità għandhom ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta' xogħol

fis-settur pubbliku, fis-settur privat u biex jaħdmu għal rashom. Madankollu, huwa l-Istat li għandu jipprovdi l-ewwel eżempju billi:

(a) jagħti lil dan is-settur l-ogħla prijorità fl-aġenda nazzjonali, bl-akbar investiment possibbli;

(b) ikompli bl-impenn li japplika l-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs fl-impjieg fis-settur pubbliku u jneħħi kull regolament jew proċedura li tmur kontra dan il-prinċipju;

(ċ) ikompli jsaħħaħ l-istrutturi kollha eżistenti fil-pajjiż li huma maħsuba biex jikkontribwixxu għas-settur tax-xogħol u t-taħriġ, ħalli dawn l-istrutturi mhux biss jinkludu persuni b'diżabilità fil-ħidma tagħhom, imma jkollhom ukoll il-personnel speċjalizzat li jista' jipprovdi servizz professjonali lill-persuni b'diżabilità;

(d) jinkoraġġixxi s-settur privat ħalli hu wkoll japplika l-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs lil kulħadd. Dan għandu jsir billi jinħolqu skemi u inċentivi għal dan il-għan li jwasslu għall-parteċipazzjoni ta' dan is-settur f'dan il-proċess. Dawn l-iskemi għandhom jinkludu allowances biex il-persuni b'diżabilità jkopru l-ispejjeż relatati mad-diżabilità tagħhom bħal ma huma assistenti personali, trasport

individwalizzat, modifiċi fuq il-post tax-xogħol, eċċ;

(e) jassigura li ma jkun hemm l-ebda ostakoli biex persuna b'diżabilità taħdem għal rasha u sa fejn hu possibbli joffri inċentivi raġonevoli biex jinkoraġġixxi dan.

## 2. EDUKAZZJONI

**2.0** Is-soċjetà Maltija tagħraf il-fatt li s-settur tax-xogħol hu intrinsikament marbut mal-edukazzjoni. Dan il-fatt hu aktar evidenti fis-settur tad-diżabilità. Għaldaqstant, dan id-dokument irid jinqara flimkien mal-politika nazzjonali dwar l-edukazzjoni speċjali tal-KNPD u r-Rapport Spiteri, liema rapporti jistgħu jinkisbu minn fuq il-websajt tal-KNPD.

**2.1** Wara aktar minn 10 snin ta' politika edukattiva inklussiva, numru konsiderevoli ta' persuni b'diżabilità issa rċevew l-edukazzjoni tagħhom f'ambjent inklussiv. Dan qed ikollu effett pożittiv fuq l-aspettattivi tal-istudenti b'diżabilità, li issa saru aktar viċin dawk tal-istudenti bla diżabilità. B'hekk qed jirriżulta li aktar persuni b'diżabilità li qed jaspiraw li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom u li jieħdu l-opportunitajiet tax-xogħol minflok ma jibqgħu dipendenti fuq is-servizzi soċjali u l-familji tagħhom. Hu għalhekk importanti li l-edukazzjoni post-sekondarja u terzjarja joffru aktar opportunitajiet indaqs lill-istudenti b'diżabilità biex hekk tiġi eliminata kull forma ta' diskriminazzjoni kontrihom,

billi huma joffru sistemi ta' sapport biex hekk aktar studenti b'diżabilità jkomplu l-edukazzjoni tagħhom. Dan jinkludi servizzi li jindirizzaw bżonnijiet skont id-diżabilità, eċċ. Meta dawn l-istudenti jaslu biex iħallu l-iskola sekondarja, uħud mill-istudenti b'diżabilità ma jkunux akkwistaw il-ħiliet neċessarji u l-maturità biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol jew biex isegwu taħriġ vokazzjonali. Fejn indikat, huma għandhom jingħataw opportunitajiet biex ikomplu jtejbu l-ħiliet akkademiċi bażiċi u l-iżvilupp personali u soċjali tagħhom.

**2.3** Il-persuni b'diżabilità jaqsmu ħafna mill-aspirazzjonijiet tagħhom mal-ġenituri u membri tal-familji tagħhom li xi kultant huma strumentali biex jgħinuhom jiksbu impieg. Madankollu persuni b'diżabilità oħra jistgħu jsibu li l-aspirazzjonijiet tagħhom għal edukazzjoni post-sekondarja u għal impjieg, u għal ħajja aktar indipendenti mxekkla minħabba attitudnijiet konflinġenti mill-ġenituri jew membri oħra tal-familja tagħhom. Dawn tal-aħħar jistgħu fil-fatt ma jkunux iridu joffru sapport lill-persuni b'diżabilità li jiġu minnhom biex huma jkomplu l-edukazzjoni tagħhom fil-livell post-sekondarju u biex isibu impjieg. Dan kollu jista' jkun minħabba diversi raġunijiet fosthom:

- xewqa li jipproteġu l-persuna b'diżabilità minn riskji ta' abbuż li jistgħu jiffaċċjaw f'ambjent ta' impjieg miftuħ;

- stima baxxa tal-ħiliet u l-abilitajiet tal-persuna b'diżabilità u l-potenzjal li hu jew hi għandhom għall-impjieg;
- emfażi żejda fuq il-pensjoni tal-persuna b'diżabilità bħala sors ta' dħul finanzjarju.

Aktar servizzi ta' sapport għall-persuni b'diżabilità għalhekk iridu jiġu kkumplimentati b'servizzi oħra ta' sapport indirizzati lejn il-ġenituri tagħhom u persuni oħra li jipprovdu s-sapport bażiku lill-persuna b'diżabilità. Sapport individwalizzat għall-persuni b'diżabilità għandu jinkludi dawn il-persuni tal-familji tagħhom biex jiġi assigurat li kulħadd qed jaħdem għall-istess għanijiet.

## 3. IL-POTENZJAL TAL-PERSUNA B'DIŻABILITÀ: ASSESSMENT KOMPRENSIV

**3.0** Id-dritt għax-xogħol għandu jinkludi d-dritt għal assessment komprensiv bl-emfasi jkun indirizzat lejn l-aspett vokazzjonali, biex l-abilitajiet u l-bżonnijiet individwali u differenti jiġu identifikati. Hekk dawn il-bżonnijiet jitpoġġew f'perspettiva tajba u kemm il-persuni b'diżabilità kif ukoll il-persuni li eventwalment se jimpjegawhom jew iħarrġuhom, jifhmu dawn l-abilitajiet u bżonnijiet. B'dan il-mod, il-potenzjal tal-persuna b'diżabilità tkun identifikata u użata. Dan l-assessment għandu jkun miftuħ mhux biss għal dawk li b'mod attiv qed ifittxu impjieg imma wkoll għal

dawk il-persuni b'diżabilità li huma ekonomikament inattivi, inkluż dawk li jirċievu s-servizzi ta' matul il-jum.

**3.1** Hu importanti li dan l-assessment isir bl-involviment sħiħ tal-persuna b'diżabilità u tal-ġenituri tagħhom meta jkun meħtieġ. Hu importanti li l-persuni b'diżabilità u l-ġenituri tagħhom (fejn meħtieġ) ikollhom id-dritt li jaċċettaw jew jirrifjutaw l-assessment li jkun sar dwarhom jew dwar uliedhom. Xi kultant jista' jkun hemm diskrepanzi bejn l-aspirazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità infushom u dawk tal-ġenituri jew il-kuratur tagħhom. F'dawn il-każijiet, għandhom isiru diskussjonijiet biex it-tħassib tal-ġenituri jkun indirizzat mingħajr ma l-persuna b'diżabilità konċernata tiġi miċħuda l-opportunita' li jkollha impjieg.

**3.2** Dan l-assessment għandu jibda qabel il-persuna tkun spiċċat l-edukazzjoni formali tagħha u għandu jkompli skont il-bżonnijiet tal-persuna, sakemm il-persuna ssib impjieg addattat. Fil-każ ta' persuni li jiżviluppaw diżabilità aktar tard f'ħajjithom, dan l-assessment għandu jsir l-aktar kmieni possibbli wara li tkun saret id-dijanjożi.

**3.3** Kull forma ta' assessment għandu jsir minn tim multi-dixxiplinarju li jinkludi l-persuna konċernata u fejn meħtieġ il-ġenituri. It-tim multi-dixxiplinarju għandu jfassal programm vokazzjonali

individwalizzat li jinkludi d-dettalji tal-provediment li l-persuna tinħtieġ. Dan il-programm għandu jiġi rivedut b'mod regolari jew meta xi membru tat-tim iħoss il-ħtieġa.

3.4 Assessment addattat għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għal apparat assistiv u modifikazzjonijiet fejn meħtieġa biex hekk l-individwu jkun jista' jsib impjieg addattat skont l-abilitajiet u l-potenzjal tiegħu jew tagħha. It-tibdil li jrid isir mhux dejjem hu wieħed fiżiku imma jista' jkun relatat għal bdil fid-deskrizzjoni tal-impjieg jew prattiċi tax-xogħol li jkunu fis-seħħ. Skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, l-ispejjeż meħtieġa għal dan is-sapport u modifiċi jrid jerfagħhom min iħaddem, sakemm dawn ikunu raġonevoli. Meta l-ispiża ma tkunx waħda raġonevoli, għandu jkun hemm skemi tal-istat li joffru sussidju ħalli dan is-sapport meħtieġ jingħata u dawn il-modifiċi neċessarji jsiru u hekk dawn il-persuni jkunu jistgħu jieħdu dan it-taħriġ.

3.5 Meta meħtieġ, l-assessments għandhom ikomplu jsiru kull tant żmien biex jiġi assigurat li persuni b'diżabilità jżommu l-impjieg tagħhom u jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess opportunitajiet ta' taħriġ u promozzjonijiet bħal sħabhom.

3.6 Dan l-assessment komprensiv għandu jservi bħala l-bażi biex persuna tidħol fir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità tal-

ETC li mbaghad ikun id-dokument użat biex tiġi infurzata l-Liġi dwar l-Impjiegi (Persuni b'Diżabilità). Għalhekk din il-Liġi trid tgħid b'mod ċar liema persuni b'diżabilità jistgħu jidħlu f'dan ir-reġistru.

## 4. TAĦRIĠ VOKAZZJONALI KONTINWU

**4.0** It-taħriġ vokazzjonali għandu jibda mill-iskola u jkompli, skont il-bżonn, sakemm il-persuna b'diżabilità ssib xogħol addattat. Għalhekk, l-għalliema tal-guidance fl-iskejjel regolari għandhom ikollhom it-taħriġ meħtieġ u s-sapport biex ikun assigurat li dan it-taħriġ vokazzjonali jingħata. Taħriġ vokazzjonali għandu jinkludi taħriġ fil-ħiliet tal-ħajja (lifeskills) li jippreparaw lill-persuni b'diżabilità għal impjieg u jgħinhom jakkwistaw u jiżviluppaw ħiliet li ma jkunux akkwistaw sa meta huma jkunu temmew l-edukazzjoni sekondarja tagħhom. Dan is-servizz għandu jkun estiż skont il-bżonn għall-istudenti li jattendu l-iskejjel speċjali.

**4.1** It-taħriġ vokazzjonali mill-ETC lill-persuni b'diżabilità li qed ifittxu impjieg għandu jsir ma' persuni oħra bla diżabilità li qed ifittxu impjieg u li jkunu qed isegwu taħriġ simili. Dan irid isir bis-sapport u l-modifiċi meħtieġa. Meta dan ma jkunx possibbli, għandu jkun hemm taħriġ li jkun immirat speċifikament għall-persuni b'diżabilità, speċjalment meta jkun hemm bżonn ta' taħriġ individwali.

**4.2** Persuni b'diżabilità li jattendu ċ-ċentri

ta' matul il-jum jew sheltered workshop (meta dawn jitwaqqfu) għandhom jirċievu taħriġ vokazzjonali biex huma jistgħu jużaw kull opportunita' li jkollhom biex huma ma jibqgħux jaħdmu f'ambjent protett.

**4.3** Meta persuna tiżviluppa diżabilità aktar tard matul il-ħajja, it-taħriġ vokazzjonali għandu jibda l-aktar kmieni possibbli wara d-dijanjożi.

**4.4** Persuni b'diżabilità li, għal xi raġuni jew oħra għandhom bżonn jibdlu l-impjieg tagħhom, għandhom dritt għal taħriġ vokazzjonali addattat.

**4.5** Impjegati b'diżabilità għandhom dritt ikomplu t-taħriġ tagħhom bis-sapport u l-modifiċi neċessarji mhux biss biex huma jkomplu bħala ħaddiema effiċjenti imma wkoll biex huma jkollhom opportunitajiet indaqs għall-promozzjonijiet. Skont il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, l-ispejjeż meħtieġa għal dan is-sapport u modifiċi jrid jerfagħhom min iħaddem, sakemm dawn ikunu raġonevoli. Meta l-ispiża ma tkunx waħda raġonevoli, għandu jkun hemm skemi tal-istat li joffru sussidju ħalli dan is-sapport meħtieġ jingħata u dawn il-modifiċi neċessarji jsiru u hekk dawn il-persuni jkunu jistgħu jieħdu dan it-taħriġ.

## 5. SERVIZZI NAZZJONALI TA' SAPPORT

**5.0** Servizzi nazzjonali ta' sapport li jeżistu llum jew fil-futur għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju li l-persuni b'diżabilità mhux biss huma parti integrali mill-klijentela tagħhom, imma għandhom ikunu fost l-ewwel prijoritajiet tagħhom. Fil-fatt ir-riżorsi ta' dawn is-servizzi għandhom ikunu primarjament allokati lill-persuni b'diżabilità. Dan ifisser li għandu jiżdied il-baġit ta' dawn is-servizzi biex huma jkunu jistgħu jipprovdu servizz li hu aktar addattat għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità. Għalhekk, huma għandhom ikollhom ir-responsabbilta' primarja biex fis-settur tal-persuni b'diżabilità, huma:

- jipprovdu t-taħriġ u l-assessment neċessarju;
- jidentifikaw opportunitajiet ta' impjieg;
- joħolqu skemi biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jsibu impjieg u jżommuh, kif ukoll javvanzaw fil-karriera li huma jkunu għażlu; u
- jaħdmu ħalli jkollna kultura nazzjonali bbażata fuq il-prinċipji ta' inklużjoni u opportunitajiet indaqs.

**5.1** Persuni b'diżabilità li jkunu qed ifittxu xogħol għandhom jirċievu t-taħriġ mill-istrutturi nazzjonali tal-pajjiż. B'dan il-mod, it-taħriġ ikun implimentat f'ambjent inklussiv li jkun ta' benefiċċju

għall-parteċipanti kollha kemm dawk li għandhom diżabilità kif ukoll dawk bla diżabilità. Għalhekk, it-Taqsima Xogħol Issapportjat tal-ETC għandha tissaħħaħ biex hi jkollha r-riżorsi neċessarji ħalli tkun tista’ terfa’ r-responsabbiltajiet li hawn f’din il-policy u li jaqgħu taħtha.

**5.2** Dan ma jeliminax il-possibilita’ li f’ċerti ċirkustanzi, dawn l-istrutturi nazzjonali jkollhom bżonn jużaw jew jixtru servizzi speċjalizzati, l-aktar meta n-natura tad-diżabilità tkun teħtieġ analiżi teknika partikulari. Meta dan ikun il-każ, dan l-eżerċizzju għandu jkun ikkoordinat u mmoniterjat mill-istruttura nazzjonali, specjalment biex jiġu identifikati opportunitajiet ta’ xogħol u taħriġ f’ambjent inklussiv.

**5.3** L-awtoritajiet responsabbli mill-iżviluppi tar-riżorsi umani f’pajjiżna (il-Ministeru responsabbli mir-riżorsi umani u l-ETC) għandhom jipprovdu spettru wiesa’ ta’ servizzi biex huma jkunu jistgħu jgħinu persuni b’diżabilità jsibu impjieg addattat skont l-aspirazzjonijiet, l-abilitajiet u l-bżonnijiet ta’ sapport tagħhom. Għalhekk l-ETC għandha tipprovdi sapport għall-persuni b’diżabilità li jixtiequ jaħdmu f’impjieg miftuħ full-time jew part-time, jaħdmu għal rashom, jaħdmu mid-dar, iwaqqfu kooperattivi jew jaħdmu, fejn neċessarju minn ambjent protett. Dawn is-servizzi għandhom jinkludu:

- servizzi interni ta' assessments li jidentifikaw l-abilitajiet tal-individwu u l-bżonnijiet għal sapport;
- servizzi ta' edukazzjoni rimedjali bis-sapport tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi;
- servizzi ta' taħriġ f'setturi differenti skont id-domanda tas-suq, u li jkun integrat ma' taħriġ ipprovdut lill-klijenti l-oħra;
- servizz ta' pjazzament ta' persuni b'diżabilità fil-post tax-xogħol flimkien mal-assessment meħtieġ u moniteraġġ;
- skemi ta' sapport biex persuni b'diżabilità jkollhom is-sapport u l-modifiċi meħtieġa biex huma jkunu jistgħu jsibu u jżommu impjieg u javvanzaw fil-karriera li huma jkunu għażlu;
- sapport lill-persuni b'diżabilità biex jattendu intervisti għall-impjieg jew b'modi oħra biex ifittxu xogħol attivament;
- aktar inċentivi lill-persuni b'diżabilità biex jibdew jaħdmu għal rashom, bħal per eżempju self bla imgħax jew eżenzjoni mit-taxxa għal perjodu ta' 5 snin.

**5.4** Dawn is-servizzi għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tal-inklużjoni. Fl-istess ħin, wieħed irid iżomm f'moħħu l-massimu tal-potenzjal li kull individwu

jista' jilħaq. Għalhekk, is-sistema trid tkun flessibbli biżżejjed li tħalli persuna li tkun qed tirċievi taħriġ addattat u moniteraġġ kontinwu, li tista' tavvanza minn fażi għall-oħra u minn tip ta' xogħol għal ieħor.

## 6. IMPJIEG MIFTUĦ

**6.0** Għandu jkun l-għan aħħari ta' kull policy dwar l-impjieg li l-massimu tal-persuni b'diżabilità jkollhom impjieg f'ambjent miftuħ. Numru sabiħ ta' persuni b'diżabilità jaslu għal dan weħidhom waqt li oħrajn ikollhom sapport fil-bidu. Oħrajn jistgħu jilħqu dan il-għan jekk huma jkolhom sapport raġonevoli imma għal kemm idumu impjegati

**6.1** Il-Ministeru responsabbli għall-iżvilupp tar-riżorsi uman, permezz tal-ETC, għandu jkompli jipprovdi s-sapport neċessarju biex jgħin persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol permezz ta' skemi bħal ma hi l-Bridging the Gap.

**6.2** L-istess, dan il-Ministeru għandu jestendi dawn l-iskemi biex jissapportja persuni b'diżabilità jkomplu jaħdmu f'ambjent miftuħ b'sapport kontinwu li hu raġonevoli. Ir-Rapport Cordina juri li jagħmel sens ekonomiku li tissapportja lil dawn il-persuni f'impjieg miftuħ billi s-sapport meħtieġ hu wieħed raġonevoli u sostenibbli.

**6.3** Waħda mill-akbar ostakoli biex persuni b'diżabilità jidħlu fid-dinja tax-xogħol

huma l-attitudnijiet kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-impjegati l-oħra. Għalhekk l-Għaqdiet ta' Min Iħaddem u t-Trade Unions għandhom rowl sinifikanti x'jaqdu biex jiġi assigurat li kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegati jkollhom l-attitudni t-tajba biex jissapportjaw lil dawn il-ħaddiema jkomplu jaħdmu f'ambjent miftuħ

## 7. IMPJIEG GĦAL RASEK

**7.0** Persuni b'diżabilità għandhom ikollhom l-istess opportunitajiet bħall-bqija taċ-ċittadini l-oħra. Madankollu spiss ikun aktar diffiċli għalihom li jibdew negozju tagħhom sakemm ma jkollhomx is-sapport meħtieġ.

**7.1** Għalhekk, il-Ministeru responsabbli mill-iżvilupp uman għandu jintroduċi skemi li jissapportjaw persuni b'diżabilità biex huma jaħdmu għal rashom. Dawn l-iskemi jistgħu jinkludu self bla imgħax jew imgħax baxx jew perjodu ta' eżenzjoni mit-taxxa.

## 8. KOOPERATTIVI

8.0 Il-Ministru responsabbli għall-iżvilupp uman, flimkien ma' strutturi eżistenti, għandhom joffru inċentivi biex jitwaqqfu kooperattivi kummerċjali fejn il-maġġoranza tal-ħaddiema jkunu persuni b'diżabilità. L-implimentazzjoni ta' din il-policy ma għandux idgħajjef il-prinċipju li l-ambjent tax-xogħol għandu

jkun wieħed integrat. Hu importanti li jiġi emfasizzat li din it-tip ta' inizjattiva għandha tkun:

(a) kummerċjalment vijabbli;

(b) tipprovdi pagi u salarji lil kull parteċipant li jkunu ekwivalenti għar-rati offruti fis-suq f'dak iż-żmien;

(c) tinvolvi l-impjieg ta' mhux anqas minn 50% u mhux aktar minn 75% ta' persuni b'diżabilità.

## 9. IMPJIEG PROTETT (SHELTERED EMPLOYMENT)

**9.0** Il-filosofija wara l-impjieg protett għandha tkun waħda pożittiva u pro-attiva, fis-sens li l-individwu għandu jkun imħarreġ fis-settur tal-impjieg li eventwalment twasslu l-eqreb lejn ix-xogħol f'ambjent integrat jew lejn alternattivi li joffru l-aħjar possibiltajiet għal futur ta' dak l-individwu.

**9.1** Biex dan il-prinċipju jitpoġġa fil-prattika hemm bżonn:

(a) L-istrutturi li jirregolaw l-impjieg f'ambjent protett bħal ma huma x-sheltered workshops, għandhom ikunu integrati ma' strutturi eżistenti li jew jaħdmu mar-riżorsi umani

f'pajjiżna (eżempju l-ETC) jew inkella jaħdmu dirett mal-persuni b'diżabilità (eżempju l-Aġenzija Sapport). Idealment u skont il-prinċipju tal-mainistreaming, dan ifisser li r-responsabbilta' amministrattiva ta' dawn il-workshops għandha tkun f'idejn il-Ministeru responsabbli mir-riżorsi umani. Madankollu, għal raġunijiet pragmatiċi u f'dan l-istadju ta' żvilupp, deher li jkun aktar għaqli li din ir-responsabbilta' tkun f'idejn l-Aġenzija Sapport sakemm hi jkollha r-riżorsi addizzjonali li hemm bżonn u li dawn ir-riżorsi jintużaw biss għal dan il-għan (ring-fenced). Kif ukoll, l-Aġenzija Sapport trid taħdem b'kollaborazzjoni sħiħa mal-ETC.

(b) Immedjetament, għandu jsir eżerċizzju biex jiġu identifikati l-kwalita', it-tip u l-varjeta' ta' attivitajiet li jistgħu u għandhom isiru f'dawn ix-sheltered workshops. Dan l-eżerċizzju għandu jsir minn nies kompetenti u l-għażla tal-attivitajiet għandha tkun, sa fejn hu possibli, relatata u kompatibbli mad-domanda għax-xogħol li teżisti llum. Dan l-eżerċizzju jista' jiġi rivedut u mtejjeb regolarment u għandu jsir minn persuni li huma involuti fis-settur tal-iżvilupp tar-riżorsi umani.

(c) Sheltered workshops għandhom joffru impjieg li jkun imħallas b'rata raġonevoli għat-tip ta' xogħol li jkun qed isir. Għandu jsir l-investiment neċessarju sabiex jinstab personnel addattat jew inkella jingħata taħriġ lil dawk il-persuni li jiġu ngaġġati biex jaħdmu f'dawn ix-sheltered workshops.

(d) Għandu jiġi stabbilit metodu professjonali ta' assessment għall-persuni li fil-preżent qed jattendu ċ-ċentri ta' matul il-jum, bil-għan li jiġu identifikati dawk il-persuni li jistgħu ma jibqgħux fis-sistema taċ-ċentri, kif inhu propost f'dan id-dokument, biex huma jkunu integrati f'ambjent ta' xogħol protett.

(e) Għandha titwaqqaf proċedura biex, f'perjodi fissi u regolari, isiru assessments tal-progress li jkun qed jagħmel kull individwu, bil-għan li jiġi deċiż jekk dan l-individwu għandux jibqa' f'dik l-istruttura jew jekk għandux jimxi għal struttura oħra li tista' tgħinu jiżviluppa aktar.

**9.2** Il-Gvern għandu jissapportja dawn l-entitajiet u għandu juża regolamenti eżistenti dwar l-għajnuna statali tal-Unjoni Ewropea favur dan is-settur biex jiġi assigurat li dawn l-entitajiet ikunu l-aktar kompetittivi possibbli.

## 10. SERVIZZI TA' MATUL IL-JUM

**10. 0** Hu inevitabbli li, f'ċerti ċirkustanzi, l-assessment jista' jindika li d-diżabilità hi tali li jkun aktar ta' benefiċċju għall-persuna konċernata li hi tuża s-servizzi ta' matul il-jum, fejn l-emfasi ma jkunx ix-xogħol produttiv imma l-iżvilupp ta' ħiliet tal-ħajja (life skills) li huma essenzjali biex il-persuna tgħix indipendenti l-aktar possibbli u li jkollha l-ogħla kwalita' ta' ħajja possibbli. Hi r-responsabbilta' tal-istat li jipprovdi dan it-tip ta' servizz. Għandu jiġi emfasizzat li l-assessment u l-monitoring għandhom ikomplu anke waqt li l-persuna li tkun qed tuża s-servizzi ta' matul il-jum, bil-għan li tinżamm miftuħa l-possibilta' li l-persuna eventwalment tkun integrata f'servizz ta' sapport li jkun l-aktar addattat għaliha jew li jkun jista' jiġi addattat għaliha. Dan jista' jinkludi impjieg protett jew impjieg issapportjat.

**10.1** Dan is-servizz għandu jkollu element qawwi soċjali li jaħdem fuq żewġ fronti: l-individwu b'diżabilità, u l-persuni li jipprovdu s-sapport neċessarju, li ħafna drabi jkunu l-ġenituri.

**10.2** Aġenzija Sapport ukoll għandha jkollha r-riżorsi kollha neċessarji biex ma jkunx hemm lista ta' stennija għal dawn is-servizzi kif ukoll ikun hemm ko-ordinament sħiħ bejn l-Aġenzija u s-servizzi edukattivi biex dawk l-istudenti li jkunu se jispiċċaw l-iskola u għandhom bżonn dawn is-servizzi

jagħmlu dan fuq pjan maqbul bejn il-partijiet kollha u li dan il-pjan ikun jista' jiġi esegwiet fil-ħin u b'mod trankwil.

**10.3** Fl-għoti ta' dawn is-servizzi, l-aspett predominanti m'huwiex ix-xogħol imma l-iżvilupp personali, l-integrazzjoni fil-komunita' u l-kwalita' tal-ħajja tal-persuna u l-familja tiegħu. Dan ifisser li s-servizzi ma għandhomx ikunu limitati biss għal filgħodu u waranofsinhar imma jkunu provduti matul il-ħin li l-persuna tkun attiva, li jinkludi wkoll fil-ghaxijiet u l-weekends. Ifisser ukoll li dan is-servizz m'huwiex addattat għal dawk il-persuni b'diżabilità li għandhom il-potenzjal li jkunu impjegati.

**10.4** Hu neċessarju li l-management tas-servizzi ta' matul il-jum jinvolvi ko-ordinament bejn il-Ministeru responsabbli mill-politika soċjali li hu responsabbli direttament minn dawn is-servizzi u l-Ministeru responsabbli mir-riżorsi umani.

## 11. IL-LIĠI PERSUNI B'DIŻABILITÀ (IMPJIEGI), KAPITLU 210

**11.0** Mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad f'paragrafu 9.1, il-Gvern għandu jara li l-artikli kollha ta' din il-Liġi jkunu applikati u l-istrutturi li hemm riferenza għalihom fil-Liġi jitwaqqfu u jiffunzjonaw b'mod effettiv u effiċjenti. Dan jgħodd kemm għas-settur privat kif ukoll dak pubbliku.

**11.1** Il-Liġi Persuni b'Diżabilità (Impjiegi) titjieb skont il-bżonnijiet ta' dak iż-żmien. B'mod partikulari għandhom isiru dawn l-emendi għal din il-Liġi:

(a) il-kwota ta' persuni reġistrati li għandhom ikunu impjegati minn intrapriża skont din il-Liġi għandu jibqa' ta' 2% kemm għas-settur pubbliku kif ukoll għas-settur privat. Din il-kwota għandha tibqa' obbligatorja imma min iħaddem, għal raġunijiet validi. Għandu jingħata l-għażla li jew jimpjega skont il-kwota jew inkella jħallas somma flus ekwivalenti għal 20% tal-paga minima. Dawn il-flus għandhom jitpoġġew ġo fond soċjali u jintużaw għal:

(i) ħolqien ta' skemi ta' inċentivi lil min iħaddem biex dawn iħaddmu aktar persuni b'diżabilità;

(ii) jiġu organizzati programmi vokazzjonali lil persuni b'diżabilità li jkunu qed ifittxu x-xogħol;

(iii) jiġu ssussidjati x-xogħol u l-apparat li jagħmilha possibbli li timpjega persuni b'diżabilità.

(b) Din il-liġi għandu jkollha definizzjoni preċiża ta' liema persuni jistgħu jidħlu fir-reġistru tal-persuni b'diżabilità kif stabbilit fl-istess liġi.

(ċ) Għandu jkun hemm mekkaniżmu biex din il-Liġi tiġi infurzata. Dan hu bżonn partikulari li jiġu riveduti r-rimedji li jistgħu jintużaw minn persuni b'diżabilità f'ċerti ċirkustanzi. Il-multi applikabbli meta tinksier din il-liġi għandhom jiżdiedu.

(d) Il-kunċett ta' impjieg riservat speċifikament għall-persuni b'diżabilità għandu jitneħħa mil-Liġi. Il-policy aktar għandha tkun li l-persuna b'diżabilità għandu jkollha l-opportunita' li tagħmel kull xogħol li hemm fil-pajjiż, sakemm dik il-persuna għandha l-abilita' li taqdi l-funzjonijiet mistennija minn dak ix-xogħol imma bis-sapport li hi raġonevolment għandha tingħata. F'każ ta' parita', il-preferenza għandha tingħata lill-persuna b'diżabilità.

## 12. PENSJONI TAD-DIŻABILITÀ

**12.0** Illum persuni b'diżabilità li ma jistgħux jaħdmu minħabba n-nuqqas tagħhom huma intitolati għal pensjoni li bejn wieħed u ieħor hija 60% tal-paga minima nazzjonali. Din il-pensjoni tħalli l-biċċa l-kbira tal-persuni b'diżabilita taħt il-linja ta' poverta' meta wieħed jiftakar li:

a) il-paga minima hi maħsuba biex tkun il-minimu biex persuna ma tkunx taħt il-linja tal-poverta';

b) il-maġġoranza, jekk mhux il-persuni b'diżabilità kollha, għandhom spejjeż extra minħabba n-nuqqas tagħhom.

Għalhekk hu essenzjali li din il-pensjoni titla' tal-anqas sal-paga minima nazzjonali.

**12.1** Persuna b'diżabilità li tirċievi l-pensjoni tista' żżidha permezz ta' dħul ieħor, inkluż dħul minn xogħol sakemm id-dħul totali ma jaqbiżx il-paga minima

nazzjonali. Jekk taqbeż, il-pensjoni tad-diżabilità tonqos pro-rata. Dan ukoll qed iħalli l-persuni b'diżabilità f'xifer il-faqar u mingħajr ebda prospett ta' titjib. Għalhekk qed jiġi rrakkomandat li l-pensjoni tibda tonqos pro-rata tal-anqas meta d-dħul totali jkun 50% aktar mill-paga minima.

**12.2** Skont is-sistema preżenti, il-pensjoni tingħata wara test mediku li jsir fuq kundizzjonijiet mediċi stretti bir-riżultat li numru ta' persuni b'diżabilità, l-aktar dawk li għandhom nuqqas ta' saħħa mentali, m'humiex intitolati għal din il-pensjoni minkejja li huma ma jistgħux jaħdmu minħabba dan in-nuqqas. Din is-sistema għandha tinbidel biex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabilità kollha, hu x'inhu l-oriġini tan-nuqqas tagħhom, li ma jistgħux jaħdmu minħabba n-nuqqas tagħhom, għandhom jirċievu l-pensjoni tad-diżabilità.

## 13 L-IMPLIMENTAZZJONI TA' DAWN IL-POLICIES

**13.0** Biex dawn il-miżuri li hawn f'dan id-dokument ikunu implimentati, hemm bżonn ta' personnel imħarreġ f'kull livell. Għalhekk dawk kollha involuti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex huma jkollhom il-personnel imħarreġ.

**13.1** Il-KNPD għandha tingħata l-inkarigu speċifiku li timmoniterja l-implimentazzjoni ta' din il-policy u għalhekk trid tingħata r-riżorsi neċessarji.

**13.2** L-imsieħba soċjali kollha fil-pajjiż għandhom ikunu involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn il-policies, b'mod partikulari l-Gvern kemm bħala entita' li timpjega kif ukoll bħala regolatur, it-trade unions, l-entitajiet li jirrappreżentaw lil min iħaddem u l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità. Dan jgħodd l-aktar għal dawk l-entitajiet li huma direttament involuti fl-għoti ta' sapport lill-persuni b'diżabilità f'dawn l-oqsma.

# IV. Rakkomandazzjonijiet

## 1. ELIMINAZZJONI TAD-DISKRIMINAZZJONI

**1.1** Il-Gvern għandu:

(a) jirratifika l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Protokoll Mhux Obbligatorju l-aktar kmieni possibbli u jsaħħaħ il-Liġi Opportunitajiet Indaqs biex tiġi kompletament konformi ma' din il-Konvenzjoni u d-Direttiva tal-Kunsill tal-UE (2000/78/EC).

(b) jassigura li ħaddiema b'diżabilità jkunu rappreżentati sewwa f'kull livell tas-servizz ċivili.

(c) jinkoraġġixxi s-settur privat biex hu wkoll japplika l-prinċipju tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd billi joħloq sevizzi ta' sapport xierqa, skemi u inċentivi li jwasslu għall-parteċipazzjoni ta' dan is-settur f'dan il-proċess.

(d) jassigura li ma jkun hemm l-ebda ostakolu għal persuni b'diżabilità li jaħdmu għal rashom jew li jaħdmu part-time, u sa fejn hu possibbli joffri inċentivi raġonevoli biex jinkoraġġixxi dan.

(e) jassigura li, flimkien mas-servizzi ta’ support għall-persuni b’diżabilità, ikun hemm ukoll servizzi ta’ sapport għall-ġenituri tagħhom jew għal min jieħu ħsiebhom.

## 2. EDUKAZZJONI

### 2.1 Il-Ministeru tal-Edukazzjoni għandu:

(a) Jipprovdi lill-istudenti b’diżabilità, li qegħdin fl-aħħar snin tal-edukazzjoni tagħhom fi skejjel sekondarji jew dawk speċjali u anke wara, bi gwida u taħriġ vokazzjonali flimkien ma’ assessment komprensiv tal-abilitajiet u l-bżonnijiet tagħhom.

(b) Jipprovdi għalliema tal-guidance teachers fl-iskejjel regolari b’taħriġ u sapport biex huma jkunu jistgħu jassiguraw li dan it-taħriġ vokazzjonali jingħata. Dan is-servizz għandu jingħata wkoll fi skejjel speċjali skont il-bżonn.

(c) Jassigura li l-edukazzjoni post-sekondarja u terzjarja toffri sistema ta’ sapport biex aktar studenti b’diżabilità jkunu jistgħu jkomplu l-edukazzjoni tagħhom.

(d) Jassigura li s-servizzi ta’ sapport għall-persuni b’diżabilità jkollhom ukoll servizzi ta’ sapport indirizzat lejn il-ġenituri tagħhom u dawk li jipprovdu l-akbar sapport.

## 3. IL-POTENZJAL TAL-PERSUNI B'DIŻABILITA': SERVIZZ KOMPRENSIV

**3.0** Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ (skont kif xieraq) għandhom jagħmlu assessments komprensivi ta' persuni b'diżabilità li jkunu qed ifittxu x-xogħol b'emfasi fuq l-aspett vokazzjoni biex il-bżonnijiet individwali differenti jiġu identifikati u biex dawn il-bżonnijiet jitpoġġew b'perspettiva tajba biex ikunu mifmuha u aċċettati kemm mill-persuni b'diżabilità u wkoll mill-persuna li eventwalment tkun se timpjega jew tħarreġ lil dik il-persuna. Dan iwassal għal gwida u taħriġ vokazzjonali skont il-bżonn. B'dan il-mod, il-potenzjal tal-persuna b'diżabilità jkun identifikat u sodisfatt.

**3.1** Dan l-assessment komprensiv għandu jkun provdut mid-Divizjoni tal-Edukazzjoni meta l-persuni jkunu studenti full-time. L-ETC għandha tipprovdi dan l-assessment lill-persuni b'diżabilità l-oħra kollha.

**3.2** L-assessment, il-gwida u t-taħriġ meħtieġ għandhom isiru bl-involviment sħiħ tal-persuni b'diżabilità u tal-ġenituri tagħhom meta meħtieġ. Il-persuna b'diżabilità u l-ġenituri tagħhom (meta indikat) għandhom ikollhom id-dritt li jaċċettaw jew jirrifjutaw l-assessment, il-gwida u t-taħriġ offrut jew li jkun sar lilhom.

**3.3** F'każ ta' persuni li jiżviluppaw diżabilità aktar tard fil-ħajja, l-assessment, il-gwida

vokazzjonali u t-taħriġ vokazzjonali meħtieġa għandhom jibdew mill-ewwel wara li ssir d-dijanjożi.

**3.4** Dan l-assessment għandu jsir minn tim multi-dixxiplinarju li jinkludi l-persuna konċernata u, fejn meħtieġ, il-ġenituri. It-tim multi-dixxiplinarju għandu jfassal programm vokazzjonali individwalizzat li jinkludi provedimenti dettaljati flimkien mal-isem tal-entita' li hi responsabbli biex tipprovdi dak is-servizz. Dan il-programm għandu jkun rivedut fuq bażi regolari, jew meta xi membru tat-tim iħoss il-bżonn ta' reviżjoni.

**3.5** Dan l-assessment għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għal apparat assistiv u modifiċi meħtieġa biex l-individwu jkun jista' jieħu taħriġ vokazzjonali meħtieġ jew li jsib xogħol addattat għall-abilitajiet u l-potenzjal tiegħu jew tagħha. Dan l-apparat u/jew modifiċi, meta jkunu raġonevoli, għandhom jiġu pprovduti minn min iħaddem bħala parti mill-obbligu legali li jipprovdi akkomodazzjoni raġonevoli lill-persuni b'diżabilità. Imma meta l-ispiża meħtieġa tkun sostanzjali, l-ETC għandha tipprovdi r-riżorsi neċessarji biex tassigura li dawn il-persuni b'diżabilità jkollhom it-taħriġ neċessarju u eventwalment jiġu impjegati.

**3.6** Taħriġ vokazzjonali mill-ETC lill-persuni b'diżabilità li jkunu qed ifittxu xogħol għandu jingħata mal-persuni bla diżabilità li jkunu qed ifittxu x-xogħol u

li jkunu qed isegwu taħriġ simili, dejjem bis-sapport u l-modifiċi meħtieġa. Meta dan ma jkunx possibbli, għandu jkun hemm taħriġ speċifiku għall-persuni b'diżabilità. Meta jkun hemm bżonn taħriġ individwalizzat, dan ukoll għandu jiġi pprovdut.

**3.8** Persuni b'diżabilità li jattendu ċ-ċentri ta' matul il-jum jew sheltered workshops (meta dawn jitwaqqfu) għandhom ukoll ikollhom assessment u jirċievu gwida u taħriġ vokazzjoni fuq il-linji simili għal dawk rakkomandati hawnhekk.

**3.9** L-ETC għandha tipprovdi taħriġ vokazzjonali xieraq lill-persuni b'diżabilità li għal xi raġuni jew oħra, ikollhom bżonn jibdlu l-impjieg tagħhom.

**3.10** Min iħaddem għandu jipprovdi akkomodazzjoni raġonevoli biex jassigura li impjegati b'diżabilità jistgħu jkomplu t-taħriġ tagħhom bis-sapport u l-modifiċi neċessarji.

**3.11** Servizz komprensiv għal dan għandu jiġi pprovdut mill-awtoritajiet edukattivi fil-każ ta' studenti full-time, u mill-ETC fil-każijiet l-oħrajn kollha. Kif ukoll, għandu jkun ikkumplimentat minn informazzjoni u gwida lill-ġenituri u membri tal-familja li joffru l-akbar sapport lill-persuna b'diżabilità konċernata.

## 4. SERVIZZ NAZZJONALI TA' SAPPORT

**4.1** It-Taqsima tal-Impjieg Issapportjat tal-ETC għandha tissaħħaħ biex hi jkollha riżorsi meħtieġa biex tkun tista':

- tipprovdi l-assessment u t-taħriġ meħtieġ;
- tidentifika opportunitajiet ta' xogħol;
- toħloq skemi biex persuni b'diżabilità jsibu u jżommu impjieg kif ukoll javvanzaw fil-karriera li jkunu għażlu;
- jixtru servizzi speċjalizzati meta l-persuna b'diżabilità jkollha bżonn analiżi teknika partikulari;
- tkabbar kultura nazzjonali bbażata fuq il-prinċipji tal-inklużjoni u l-opportunitajiet indaqs.

**4.2** L-ETC għandha tipprovdi l-firxa sħiħa ta' servizzi biex hi tkun tista' tissapportja persuni b'diżabilità u bi bżonnijiet differenti jsibu impjieg addattat skont il-bżonnijiet u l-abilitajiet tagħhom. Dawn is-servizzi għandhom jinkludu:

- servizzi interni ta' assessment li jidentifikaw il-bżonnijiet akkademiċi u d-diffikultajiet fiżiċi tal-individwu;
- servizzi rimedjali edukattivi bis-sapport tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi;
- servizzi ta' taħriġ f'setturi differenti skont id-domanda tas-suq u li tkun integrata mat-taħriġ ipprovdut lill-klijenti oħrajn;

- servizz li jippostja persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol u mbagħad assessment u moniteraġġ;
- skemi ta' sapport biex persuni b'diżabilità jkollhom is-sapport u l-modifiċi meħtieġa biex huma jkunu jistgħu jsibu u jżommu impjieg u javvanzaw fil-karriera magħżula minnhom.

## 5. IMPJIEG MIFTUĦ

**5.1** L-ETC għandha tkompli u tiżviluppa aktar skemi li jissapportjaw lill-persuni b'diżabilità jidħlu fis-suq tax-xogħol.

**5.2** L-ETC għandha tintroduċi u testendi skemi eżistenti biex tissapportja persuni b'diżabilità jkomplu jaħdmu f'ambjent miftuħ bis-sapport kontinwu li hu raġonevoli.

**5.3** L-għaqdiet ta' min iħaddem u t-trade unions għandhom jissapportjaw dawn l-inizjattivi billi jassumu attitudni tajba biex jissapportjaw lil dawn il-ħaddiema biex ikomplu jaħdmu f'ambjent miftuħ.

## 6. IMPJIEG GĦAL RASEK

**6.1** Persuni b'diżabilità għandhom jingħataw inċentivi permezz ta' miżuri konkreti bħalma huma pariri professjonali, self bla imgħax, eżenzjoni mit-taxxa, eċċ biex huma jkunu jistgħu jibdew u jkomplu jaħdmu għal rashom.

## 7. KOOPERATTIVI

**7.1** Il-Ministeru responsabbli mill-Kooperattivi, flimkien ma' strutturi oħra eżistenti, għandhom joffru inċentivi biex jitwaqqfu kooperattivi kummerċjali li:

(a) ikunu kummerċjalment vijabbli;

(b) jiipprovdu pagi lil kull parteċipant li jkunu ekwivalenti għar-rati tas-suq f'dak iż-żmien;

(ċ) jiinvolvi l-impjieg ta' mhux anqas minn 50% u mhux aktar minn 75% ta' persuni b'diżabilità.

## 8. IMPJIEG PROTETT (SHELTERED EMPLOYMENT)

**8.1** L-Aġenzija Sapport, b'konsultazzjoni ma' dawk kollha involuti b'mod speċjali l-ETC, għandha immedjetament tagħmel eżerċizzju biex tidentifika l-kwalita', it-tip u l-varjeta' ta' attivitajiet li jistgħu u għandhom isiru f'sheltered workshops. Dan l-eżerċizzju jista' jiġi rivedut u mtejjeb regolarment u għandu jsir minn persuni involuti fil-qasam tal-iżvilupp tar-riżorsi umani.

**8.2** L-Aġenzija Sapport bi sħab mal-ETC u s-settur privat għandha:

(a) twaqqaf sheltered workshops li joffru impjieg lill-persuni b'diżabilità li ma jistgħux jaħdmu f'ambjent miftuħ, li

jkunu mħallsa b'rata raġonevoli għat-tip tax-xogħol li huma jagħmlu;

(b) jidentifikaw u jħarrġu personnel addattat li jingħata xogħol f'dawn ix-sheltered workshops;

(c) tistabbilixxi metodu professjonali ta' assessment għall-persuni b'diżabilità li jattendu ċ-ċentri ta' matul il-jum, bil-għan li jiġu identifikati dawk il-persuni li jistgħu jħallu ċ-ċentri ta' matul il-jum u jkunu integrati f'ambjent ta' impjieg protett;

(d) tistabbilixxi proċedura li f'perjodi fissi u regolari, isiru assessments tal-progress li jkun għamel kull individwu, bil-għan li tittieħed deċiżjoni jekk l-individwu għandux jibqa' f'dik l-istruttura jew li jimxi għal struttura li tista' tgħinu jiżviluppa aktar.

**8.3** Biex l-Aġenzija Sapport tkun tista' timplimenta dawn il-miżuri relatati mal-impjieg protett, il-Gvern għandu jipprovdilha l-fondi neċessarji. Għandhom jittieħdu miżuri li jassiguraw li dan il-finanzjament jintuża esklussivament għal dan il-għan.

**8.4** Il-Gvern għandu, l-aktar permezz tas-sistema kif jakkwista l-affarijiet u s-servizzi, jissapportja dawn l-entitajiet u għandu juża regolament eżistenti tal-Unjoni Ewropea favur dan is-settur bil-għan li jassigura li dawn l-entitajiet ikunu l-aktar kompetittivi possibbli.

## 9. SERVIZZI TA' MATUL IL-JUM

**9.1** L-Aġenzija Sapport għandha tingħata r-riżorsi neċessarji biex tipprovdi servizzi ta' matul il-jum, fejn l-emfasi ma jkunx ix-xogħol produttiv imma l-iżvilupp tal-ħiliet tal-ħajja li huma essenzjali biex persuna tgħix l-aktar indipendenti possibbli u li jkollha l-ogħla kwalita' ta' ħajja possibbli.

**9.2** L-assessment u l-moniteraġġ għandhom ikunu kontinwi anke meta l-persuna tkun qed tuża s-servizzi ta' matul il-jum, bil-għan li tibqa' miftuħa l-possibilta' li l-persuna eventwalment tkun integrata f'servizz ta' sapport li jkun l-aktar addattat għaliha jew li jista' tiġi addattat għaliha.

**9.1** Il-maniġment tas-servizzi ta' matul il-jum għandu jikkoordina l-ħidma kollha tiegħu mal-ETC.

## 10. ATT DWAR IL-PERSUNI B'DIŻABILITA' (IMPJIEG), KAPITLU 210

**10.1** Il-Gvern għandu jara li dan l-Att jiġi fis-seħħ u l-istrutturi li hemm referenza għalihom fih jitwaqqfu mill-ETC u li dawn jiffunzjonaw b'mod effiċjenti u effettiv. Din il-Liġi għandha tiġi infurzata kemm mas-settur privat kif ukoll dak pubbliku.

**10.2** Il-kwota ta' persuni b'diżabilità reġistrati li kull min iħaddem irid iħaddem skont dan l-Att għandha tibqa' ta' 2% kemm għas-settur pubbliku kif ukoll dak privat. Din għandha tibqa' wkoll obbligatorja.

Madankollu min iħaddem għandu, għal raġunijiet validi, jingħata l-opportunita' li jew jimpjega skont din il-kwota jew iħallas somma flus li tkun ekwivalenti għal 20% tal-paga minima nazzjonali. Raġunijiet li jingħataw minn min iħaddem biex ikunu eżentati milli jsegwu din il-kwota għandhom ikunu eżaminati minn bord kompost minn rappreżentanti tal-KNPD, l-ETC, min iħaddem u l-unions.

**10.3** Flus miġbura minn dawn l-eżenzjonijiet għandhom jitpoġġew f'fond soċjali biex jintużaw għal:

(a) ħolqien ta' skemi ta' inċentivi lil min iħaddem biex jiġu impjegati aktar persuni b'diżabilità;

(b) organizzazzjoni ta' programmi vokazzjonali lil persuni b'diżabilità li jkunu qed ifittxu x-xogħol; u

(c) sussidju fuq ix-xogħol u apparat li jgħin persuna b'diżabilità taħdem.

**10.4** L-Att għandu jkollu definizzjoni preċiża ta' liema persuni jistgħu jidħlu fir-reġistru tal-persuni b'diżabilità mwaqqaf mill-istess Att. Persuni b'diżabilità li l-ETC tħoss li qed jirċievu akkomodazzjoni raġonevoli minn min iħaddimhom minħabba n-nuqqas tagħhom, għandhom ikunu awtomatikament ikkunsidrati bħala persuni b'diżabilità reġistrati. Wara dan, ir-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità tal-ETC għandu jkun aġġornat skont dawn il-kriterji.

**10.5** Multi applikabbli f'każ ta' ksur ta' din il-liġi għandhom jiżdiedu.

**10.6** Il-kunċett ta' impjieg riservat speċifikament għall-persuni b'diżaibilita' għandu jitneħħa minn din il-Liġi. Il-policy għandha tkun preċiżament li kull xogħol fil-pajjiż għandu jkun disponibbli għall-persuni b'diżabilità sakemm dawn il-persuni għandhom l-abilita' li jsegwu l-funzjonijiet mistennija mill-impjieg, naturalment bis-sapport raġonevoli li għandhom bżonn. F'każ ta' parita', il-preferenza għandha tingħata lill-persuna b'diżabilità.

## 11. IL-PENSJONI TAD-DIŻABILITA'

**11.0** Il-pensjoni tad-diżabilità għandha tiżdied tal-anqas biex tkun daqs il-paga minima nazzjonali.

**11.1** Persuna b'diżabilità li qed tirċievi l-pensjoni u dħul ieħor ikollha l-pensjoni mnaqqsa pro-rata tal-anqas meta d-dħul totali tagħha jkun 50% ogħla mill-paga minima nazzjonali.

**11.2** Il-persuni b'diżabilità kollha, hi x'inhi l-oriġini tan-nuqqas tagħhom, li ma jistgħu jaħdmu minħabba n-nuqqas tagħhom, għandhom jirċievu l-pensjoni tad-diżabilità.

## 12. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLICY NAZZJONALI

**12.1** Il-KNPD għandha tingħata l-inkarigu speċifiku li timmoniterja l-implimentazzjoni ta' din il-policy u għandu jkollha r-riżorsi neċessarji biex tagħmel dan.

**12.2** Entitajiet involuti fl-implimentazzjoni ta' din il-policy primarjament il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-ETC u l-Aġenzija Sapport, għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex iħarrġu l-personnel meħtieġ.

**12.3** L-imsieħba soċjali fil-pajjiż għandhom jinvolvu ruħhom fl-implimentazzjoni ta' dawn il-policies kollha, b'mod partikulari, il-Gvern (kemm bħala entita' li tħaddem in-nies kif ukoll bħala regolatur) trade unions, entitajiet ta' min iħaddem u organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità.

# Appendiċi: Entitajiet li kkontribwew fil-proċess ta' konsultazzjoni

- Aġenzija Sapport
- Access Disability Support Committee, Universita' ta' Malta
- Air Malta
- Assoċċjazzjoni tas-Saħħa Mentali
- Ċentru ta' Matul il-Jum St Marta, Għawdex
- Dar tal-Providenza
- Dipartiment għar-Relazzjoni tal-Impjegati, Uffiċċju tal-Prim Ministru
- Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti, Direttorat tas-Servizzi Edukattivi
- Down Syndrome Association (Malta)
- Fondazzjoni Equal Partners
- Fondazzjoni Inspire
- Fondazzjoni Trasport Ħajja Indipendenti
- Foundation for Information Technology Accessibility (FITA)
- Għaqda Maltija tal-Persuni Neqsin mid-Dawl
- Ħbieb tal-Aġenzija Sapport
- Island Hotels Group

- Kamra Maltija tal-Kummerċ, Industrija u Intrapriża
- Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC)
- Kulleġġ ta' Għawdex, Direttorat tas-Servizzi Edukattivi
- Kumitat Konsultattiv tal-KNPD tal-Persuni b'Diżabilità Intellettwali
- Malta Guide Dogs Foundation
- Playmobil Malta Ltd
- Unjoni Ħaddiema Magħqudin

Din il-pubblikazzjoni hi ssapportjata mid-Direttorat-Ġeneral għall-impjiegi, affarijiet soċjali u opportunitajiet indaqs tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-fondi huma provduti permezz tal-Programm tal-Komunità Ewropea għall-Impjiegi u Solidarjeta' Soċjali (2007-2013). Dan il-programm kien stabbilit biex jagħti sapport finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-impjiegi u affarijiet soċjali, kif huma spjegati fl-Aġenda Soċjali. B'hekk dan il-programm ikun qed jagħti kontribut lil dak li ntlaħaq permezz tal-iStrateġija ta' Lisbona f'dawn l-oqsma.

Il-programme, li hu mifrux fuq seba' snin, hu immirat għal dawk kollha li jistgħu jgħinu biex jiġu mfassla liġijiet u politiki addattati u effettivi fl-oqsma tal-impjiegi u affarijiet soċjali madwar il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-UE-27 jew EFTA-EEA, pajjiżi li huma kandidati għal sħubija fl-UE u dawk li huma pre-kandidati.

Il-missjoni tal-PROGRESS hi li ssaħħaħ il-kontribut tal-UE biex tagħti sapport lill-impenn u sforzi tal-Istati Membri biex joħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar u biex jibnu soċjeta' aktar koeżiva. Għaldaqstant, il-PROGRESS se jkun strumentali biex:

- jipprovdi analiżi u pariri dwar oqsma tal-politiki tal-PROGRESS;
- jimmoniterja u jirrapporta l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u oqsma tal-politiki tal-PROGRESS;
- jippromwovi trasferiment tal-politiki, tagħlim u sapport dwar l-objettivi u prijoritajiet tal-Istati Memri tal-UE; u
- jwassal l-opinjonijiet tal-istakeholders u tas-soċjetà in ġenerali.

**Għal aktar informazzjoni:**
**http://ec.europa.eu/employment_social/progresss/index_en.html**

**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Ċentru Ħidma Soċjali, Istitut Vincenzo Bugeia, Santa Venera
Telefon: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS biss: 7978 8555
Emejl: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

NGĦOZZU D-DIVERSITÀ
DISKRIMINAZZJONI QATT

Bl-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea

ISBN: 978-99909-71-45-3